Nru./No. 18,603
Prezz/Price
€5.40

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 4 ta' Ġunju, 2010
Friday, 4th June, 2010

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 4793 - 4799
Government Notices ..... *4793 - 4799*

Avviżi tal-Pulizija ..... 4800 - 4801
Police Notices ..... *4800 - 4801*

Avviżi lill-Baħħara ..... 4802 - 4803
Notices to Mariners ..... *4802 - 4803*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 4804 - 4810
Employment Opportunities ..... *4804 - 4810*

Avviżi tal-Gvern ..... 4810 - 4834
Notices ..... *4810 - 4834*

Offerti ..... 4835 - 4881
Tenders ..... *4835 - 4881*

Avviżi tal-Qorti ..... 4881 - 4904
Court Notices ..... *4881 - 4904*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 575

PUBBLIKAZZJONI TA' ATT FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Att li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Att Nru. IV tal-2010 imsejjaħ l-Att tal-2010 li jemenda l-Att dwar ix-Xandir.

L-4 ta' Ġunju, 2010

GOVERNMENT NOTICES

No. 575

PUBLICATION OF ACT IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Act is published in the Supplement to this Gazette:

Act No. IV of 2010 entitled the Broadcasting (Amendment) Act, 2010.

4th June, 2010

Nru. 576

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (SIGURTÀ SOĊJALI)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Mark Musù	Direttur Ġenerali *Director General*	Sigurtà Soċjali *Social Security*	01 - 03.6.2010 and 06 - 08.6.2010

L-4 ta' Ġunju, 2010

No. 576

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (SOCIAL SECURITY)

THE Permanent Secretary in the Ministry of Education, Employment and the Family has approved the following acting appointment:–

4th June, 2010

Nru. 577

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR PROTEZZJONI ĊIVILI

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Albert Tabone	Direttur *Director*	Protezzjoni Ċivili *Civil Protection*	09 – 11.06.2010

L-4 ta' Ġunju, 2010

No. 577

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR CIVIL PROTECTION

THE Permanent Secretary in the Ministry of Justice and Home Affairs has approved the following acting appointment:–

4th June, 2010

Nru. 578

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (TEŻOR)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Francis Bajada	Direttur Ġenerali *Director General*	Teżor *Treasury*	06–10.06.2010

L-4 ta' Ġunju, 2010

No. 578

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (TREASURY)

THE Permanent Secretary in the Ministry of Finance, the Economy and Investment has approved the following acting appointment:–

4th June, 2010

Nru. 579

***WARRANT* MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN**

NGĦARRFU illi, bis-saħħa tas-setgħat mogħtija, bl-Artikolu (3) tal-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'Setgħa li jagħtu Ġurament (Kap. 79), il-Ministru għall-Ġustizzja ħatar bħala Kummissjunarji bis-Setgħa li Jagħtu Ġurament, fil-qadi tad-doveri tagħhom u sakemm jibqgħu fil-kariga, u jew għall-perjodu indikat fl-istess ħatra, liema minnhom tiġi l-ewwel, lill-imsemmija hawn taħt:

Ministeru tal-Affarijiet Barranin
Is-Sur David Cassar — Ms Alexandra Galea

Diviżjoni tas-Saħħa
Is-Sur Oswald Balzan — Is-Sur Stephen Falzon

Pulizija
Spettur Mario Haber
Spettur Mario Tonna
P.S. 369 Joseph Mizzi
W.P.C. 30 Maria Concetta Apap

Transport Malta
Ms Joanny Mary Spiteri

B'Awtorità

CARMELO MIFSUD BONNICI
Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern

L-4 ta' Ġunju, 2010
(MJHA/144/2003/VIII)

No. 579

WARRANT BY THE MINISTER FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS

IT is notified that, in exercise of such powers as provided by Section (3) of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap. 79) the Minister for Justice appointed as Commissioner for Oaths, whilst performing such functions and as long as they continue in that capacity, and/or for the period indicated in the same appointment, whichever is the earlier, the undermentioned:

Ministry of Foreign Affairs
Mr David Cassar — Ms Alexandra Galea

Health Division
Mr Oswald Balzan — Mr Stephen Falzon

Police
Inspector Mario Haber
Inspector Mario Tonna
P.S. 369 Joseph Mizzi
W.P.C. 30 Maria Concetta Apap

Transport Malta
Ms Joanny Mary Spiteri

By Authority

CARMELO MIFSUD BONNICI
Minister for Justice and Home Affairs

4th June, 2010

Nru. 580

ELEZZJONI KAŻWALI 2010 – SAN ĠILJAN

Dikjarazzjoni tar-Riżultat ta' Elezzjoni Każwali

AĦNA, li ffirmajna isimna hawn taħt, Kummissjonarji Elettorali fl-Elezzjoni Każwali ta' Kunsillier, li saret fil-31 jum ta' Mejju, 2010, biex jimtela l-post li tbattal minn Gouder Karl, Kunsillier għal-lokalità hawn fuq imsemmija, hawnhekk ngħarrfu illi l-poloz tal-votazzjoni fil-pakkett issiġillat tal-Kunsillier li l-post tiegħu tbattal, ġew eżaminati u trasferiti skont il-liġi lill-kandidat nominat validament u li r-riżultat huwa kif jidher hawn taħt:–

No. 580

CASUAL ELECTION 2010 – SAN ĠILJAN

Declaration of Result of a Casual Election

WE, the undersigned, Electoral Commissioners at the Casual Election of a Councillor, held on the 31st day of May, 2010, to fill the seat vacated by Gouder Karl, an elected Councillor for the said locality, do hereby give notice that the ballot papers in the sealed parcel of the vacating Councillor were duly examined and transferred according to the validly nominated candidate and that the result is as shown hereunder:–

Numru ta' voti fil-Pakkett
Number of votes in Parcel } **644**

Numru ta' Kunsilliera li għandhom jiġu eletti
Number of Councillors to be elected } **1**

Kwota
Quota } **322**

Isem tal-Kandidat *Name of Candidate*	Għadd 1 *1st Count* Voti *Votes*
PARTIT NAZZJONALISTA CACHIA RAYMOND	538E
Voti Mhux Trasferibbli *Non-Transferable Papers*	106
Total *Total*	644

AĦNA hawnhekk ngħarrfu illi CACHIA RAYMOND ġie kif mistħoqq elett Kunsillier għal-lokalità msemmija hawn fuq.
WE do hereby declare that is duly elected Councillor for the above-mentioned locality.

Id-data tal-lum il-31 jum ta' Mejju, 2010
Dated this 31st day of May, 2010

SALV. GAUCI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali
Chief Electoral Commissioner

J.M. BUTTIGIEG
S. SANT
M. CALLUS
T. SULTANA
S. FENECH
R. ZAMMIT
V. GANADO
J. ZAMMIT MAEMPEL

Kummissjonarji Elettorali
Electoral Commissioners

Nru. 581

KORPORAZZJONI TA' XOGĦOL U TAĦRIĠ

Ħatra ta' Membri tal-Bord ta' Eżamijiet fis-Snajja'

IL-KORPORAZZJONI ta' Xogħol u Taħriġ b'din tgħarraf illi qed taħtar lis-Sinj. Michelle Camilleri u lis-Sur Thomas Sammut biex ikunu *chairperson* u membru tekniku tal-Bord ta' Eżamijiet fis-Snajja' rispettivament skont is-Sub Artikolu (1) tal-Artikolu 40 tal-Att dwar is-Servizzi ta' Impieg u Taħriġ (Kap. 343) biex jara l-kompetenzi li għandhom x'jaqsmu ma' *Quantity Surveying*, għal perjodu ta' sentejn li jista' jiġġedded skont il-bżonn.

L-4 ta' Ġunju, 2010

No. 581

EMPLOYMENT AND TRAINING CORPORATION

Appointment of Trade Testing Board Members

THE Employment and Training Corporation is hereby nominating Ms Michelle Camilleri and Mr Thomas Sammut to be appointed as chairperson and technical member respectively of the Trade Testing Board in terms of Sub Article (1) of Article 40 of the Employment and Training Services Act (Cap. 343) to assess the competencies relating to Quantity Surveying, for a period of two years that can be renewed subject to need.

4th June, 2010

Nru. 582

KORPORAZZJONI TA' XOGĦOL U TAĦRIĠ

Ħatra ta' Membri tal-Bord ta' Eżamijiet fis-Snajja'

IL-KORPORAZZJONI ta' Xogħol u Taħriġ b'din tgħarraf illi qed taħtar lis-Sur David M. Grech u lis-Sur Marcel Cutajar biex ikunu *chairperson* u membru tekniku tal-Bord ta' Eżamijiet fis-Snajja' rispettivament skont is-Sub Artikolu (1) tal-Artikolu 40 tal-Att dwar is-Servizzi ta' Impieg u Taħriġ (Kap. 343) biex jara l-kompetenzi li għandhom x'jaqsmu ma' *Computer Programming*, għal perjodu ta' sentejn li jista' jiġġedded skont il-bżonn.

L-4 ta' Ġunju, 2010

No. 582

EMPLOYMENT AND TRAINING CORPORATION

Appointment of Trade Testing Board Members

THE Employment and Training Corporation is hereby nominating Mr David M. Grech and Mr Marcel Cutajar to be appointed as chairperson and technical member respectively of the Trade Testing Board in terms of Sub Article (1) of Article 40 of the Employment and Training Services Act (Cap. 343) to assess the competencies relating to Computer Programming, for a period of two years that can be renewed subject to need.

4th June, 2010

Nru. 583

KORPORAZZJONI TA' XOGĦOL U TAĦRIĠ

Ħatra ta' Membri tal-Bord ta' Eżamijiet fis-Snajja'

IL-KORPORAZZJONI ta' Xogħol u Taħriġ b'din tgħarraf illi qed taħtar lis-Sur Jesmond Atkins u lis-Sur Anthony Calleja biex ikunu *chairperson* u membru tekniku tal-Bord ta' Eżamijiet fis-Snajja' rispettivament skont is-Sub Artikolu (1) tal-Artikolu 40 tal-Att dwar is-Servizzi ta' Impieg u Taħriġ (Kap. 343) biex jara l-kompetenzi li għandhom x'jaqsmu ma' *Food Preparation and production/Food and Beverage Servicing*, għal perjodu ta' sentejn li jista' jiġġedded skont il-bżonn.

L-4 ta' Ġunju, 2010

No. 583

EMPLOYMENT AND TRAINING CORPORATION

Appointment of Trade Testing Board Members

THE Employment and Training Corporation is hereby nominating Mr Jesmond Atkins and Mr Anthony Calleja to be appointed as chairperson and technical member respectively of the Trade Testing Board in terms of Sub Article (1) of Article 40 of the Employment and Training Services Act (Cap. 343) to assess the competencies relating to Food Preparation and production/Food and Beverage Servicing, for a period of two years that can be renewed subject to need.

4th June, 2010

Nru. 584

KORPORAZZJONI TA' XOGĦOL U TAĦRIĠ

Ħatra ta' Membri tal-Bord ta' Eżamijiet fis-Snajja'

IL-KORPORAZZJONI ta' Xogħol u Taħriġ b'din tgħarraf illi qed taħtar lil Inġ. John Caruana biex ikun membru tekniku tal-Bord ta' Eżamijiet fis-Snajja' skont is-Sub Artikolu (1) tal-Artikolu 40 tal-Att dwar is-Servizzi ta' Impieg u Taħriġ (Kap. 343) biex jara l-kompetenzi li għandhom x'jaqsmu ma' *Electrical Fitting*, għal perjodu ta' sentejn li jista' jiġġedded skont il-bżonn.

L-4 ta' Ġunju, 2010

No. 584

EMPLOYMENT AND TRAINING CORPORATION

Appointment of Trade Testing Board Members

THE Employment and Training Corporation is hereby nominating Eng. John Caruana to be appointed technical member of the Trade Testing Board in terms of Sub Article (1) of Article 40 of the Employment and Training Services Act (Cap. 343) to assess the competencies relating to Electrical Fitting, for a period of two years that can be renewed subject to need.

4th June, 2010

Nru. 585

KORPORAZZJONI TA' XOGĦOL U TAĦRIĠ

Ħatra ta' Membri tal-Bord ta' Eżamijiet fis-Snajja'

IL-KORPORAZZJONI ta' Xogħol u Taħriġ b'din tgħarraf illi qed taħtar lis-Sur Ron Mifsud biex ikun membru tekniku tal-Bord ta' Eżamijiet fis-Snajja' skont is-Sub Artikolu (1) tal-Artikolu 40 tal-Att dwar is-Servizzi ta' Impieg u Taħriġ (Kap. 343) biex jara l-kompetenzi li għandhom x'jaqsmu ma' Stampar, għal perjodu ta' sentejn li jista' jiġġedded skont il-bżonn.

L-4 ta' Ġunju, 2010

No. 585

EMPLOYMENT AND TRAINING CORPORATION

Appointment of Trade Testing Board Members

THE Employment and Training Corporation is hereby nominating Mr Ron Mifsud to be appointed technical member of the Trade Testing Board in terms of Sub Article (1) of Article 40 of the Employment and Training Services Act (Cap. 343) to assess the competencies relating to Printing, for a period of two years that can be renewed subject to need.

4th June, 2010

Nru. 586

KORPORAZZJONI TA' XOGĦOL U TAĦRIĠ

Ħatra ta' Membri tal-Bord ta' Eżamijiet fis-Snajja'

IL-KORPORAZZJONI ta' Xogħol u Taħriġ b'din tgħarraf illi qed taħtar lis-Sur Mario Falzon biex ikun membru tekniku tal-Bord ta' Eżamijiet fis-Snajja' skont is-Sub Artikolu (1) tal-Artikolu 40 tal-Att dwar is-Servizzi ta' Impieg u Taħriġ (Kap. 343) biex jara l-kompetenzi li għandhom x'jaqsmu ma' *Slaughtering and Deboning Butcher*, għal perjodu ta' sentejn li jista' jiġġedded skont il-bżonn.

L-4 ta' Ġunju, 2010

No. 586

EMPLOYMENT AND TRAINING CORPORATION

Appointment of Trade Testing Board Members

THE Employment and Training Corporation is hereby nominating Mr Mario Falzon to be appointed technical member of the Trade Testing Board in terms of Sub Article (1) of Article 40 of the Employment and Training Services Act (Cap. 343) to assess the competencies relating to Slaughtering and Deboning Butcher, for a period of two years that can be renewed subject to need.

4th June, 2010

Nru. 587

KORPORAZZJONI TA' XOGĦOL U TAĦRIĠ

Ħatra ta' Membri tal-Bord ta' Eżamijiet fis-Snajja'

IL-KORPORAZZJONI ta' Xogħol u Taħriġ b'din tgħarraf illi qed taħtar lis-Sur Louis Spiteri biex ikun membru tekniku tal-Bord ta' Eżamijiet fis-Snajja' skont is-Sub Artikolu (1) tal-Artikolu 40 tal-Att dwar is-Servizzi ta' Impieg u Taħriġ (Kap. 343) biex jara l-kompetenzi li għandhom x'jaqsmu ma' *Fire and Safety Instructor*, għal perjodu ta' sentejn li jista' jiġġedded skont il-bżonn.

L-4 ta' Ġunju, 2010

No. 587

EMPLOYMENT AND TRAINING CORPORATION

Appointment of Trade Testing Board Members

THE Employment and Training Corporation is hereby nominating Mr Louis Spiteri to be appointed technical member of the Trade Testing Board in terms of Sub Article (1) of Article 40 of the Employment and Training Services Act (Cap. 343) to assess the competencies relating to Fire and Safety Instructor, for a period of two years that can be renewed subject to need.

4th June, 2010

Nru. 588

KORPORAZZJONI TA' XOGĦOL U TAĦRIĠ

Ħatra ta' Membri tal-Bord ta' Eżamijiet fis-Snajja'

IL-KORPORAZZJONI ta' Xogħol u Taħriġ b'din tgħarraf illi qed taħtar lis-Sur Ivan Bezzina biex ikun membru tekniku tal-Bord ta' Eżamijiet fis-Snajja' skont is-Sub Artikolu (1) tal-Artikolu 40 tal-Att dwar is-Servizzi ta' Impieg u Taħriġ (Kap. 343) biex jara l-kompetenzi li għandhom x'jaqsmu ma' *Computer Engineering*, għal perjodu ta' sentejn li jista' jiġġedded skont il-bżonn.

L-4 ta' Ġunju, 2010

No. 588

EMPLOYMENT AND TRAINING CORPORATION

Appointment of Trade Testing Board Members

THE Employment and Training Corporation is hereby nominating Mr Ivan Bezzina to be appointed technical member of the Trade Testing Board in terms of Sub Article (1) of Article 40 of the Employment and Training Services Act (Cap. 343) to assess the competencies relating to Computer Engineering, for a period of two years that can be renewed subject to need.

4th June, 2010

Nru. 589

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Applikazzjonijiet li għandhom bżonn Stima tal-Impatt Ambjentali
Avviż skont l-Artikolu 8 (5) tar-Regolamenti dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent
(Avviż Legali 114 tal-2007)

L-APPLIKAZZJONI hawn taħt imsemmija teħtieġ stima tal-impatt ambjentali. L-applikazzjoni hija miġbura skont il-lokalità u tinkludui n-numru tal-applikazzjoni, it-titlu tal-iżvilupp u l-isem tal-applikant. Il-pubbliku jista jara l-applikazzjoni hawn taħt imsemmija fl-uffiċċju tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, il-Furjana waqt il-ħinijiet tax-xogħol.

Il-pubbliku hu mistieden jibgħat kummenti bil-miktub lill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar materji li jkun jixtieq li jiġu inklużi fl-istima tal-Impatt

No. 589

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Applications that require an Environmental Impact Assessment
Notice in accordance with Section 8 (5) of the Environmental Impact Assessment (2007) Regulations (Legal Notice 114/2007)

THE following development permit application is subject to an Environmental Impact Assessment Update. The application is set out by locality and includes the MEPA number, title of the development and the name of the applicant. Copies of this application can be seen at the offices of the Malta Environment & Planning Authority in Floriana during working hours.

The public is invited to submit in writing to the Malta Environment and Planning Authority any issues it wishes to see included in the Environmental Impact Assessment

Ambjentali. Is-sottomissjonijiet għandu jkollhom id-dettalji tal-applikazzjoni kif jidhru hawn taħt. Il-kummenti għandhom jaslu l-Awtorità sa mhux aktar tard mill-25 ta' Ġunju, 2010. Aktar informazzjoni tinsab fuq il-*website* tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar: http://www.mepa.org.mt/permitting-ea-main

Sottomissjonijiet jintlaqgħu wkoll fuq eiamalta@mepa.org.mt

Sit f'Il-Għallies, in-Naxxar	GF 00121/06
Site at Il-Għallies, *Naxxar*	*GF 00121/06*

L-4 ta' Ġunju, 2010

Update. Submissions should contain details of the application as given below. All submissions are to reach the Malta Environment and Planning Authority by the 25th June, 2010. More information can be obtained from the MEPA website: http://www.mepa.org.mt/permitting-ea-main

Submissions are also received on eiamalta@mepa.org.mt

Masterplan għall-Magħtab *Environmental Complex*

Ing. Vince Magri għall-Wastserv Malta Ltd

Masterplan for the Magħtab Environmental Complex

Ing. Vince Magri on behalf of Wastserv Malta Ltd

4th June, 2010

Nru. 590

SEGRETARJI TAL-KUNSILLI LOKALI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi skont is-sub-artikolu (1) tal-artikolu 49 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-persuna msemmija hawn taħt inħatret Aġent Segretarju Eżekuttiv ta' dak il-Kunsill Lokali b'seħħ mill-1 ta' Ġunju 2010:

Lokalità tal-Kunsill Lokali	*Segretarju*
Il-Mosta	Noel Cini

L-1 ta' Ġunju, 2010

No. 590

LOCAL COUNCILS SECRETARIES

IT is hereby notified for general information that in terms of sub-section (1) of section 49 of the Local Councils' Act (Cap. 363) the following person has been appointed Acting Executive Secretary of that Local Council with effect from 1st June 2010:

Local Council Locality	*Secretary*
Il-Mosta	Noel Cini

1st June, 2010

Nru. 591

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
04. 06. 10	€32.423	€0.514

L-4 ta' Ġunju, 2010

No. 591

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
04. 06. 10	€32.423	€0.514

4th June, 2010

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 61

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Iż-Żejtun

Nhar il-Ħamis, l-10 ta' Ġunju, 2010, mis-6.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Misraħ ir-Repubblika, San Girgor, Beland, Luqa Briffa, Santa Marija, Misraħ Santa Marija, San Pawl, Carlo Diacono, Mater Boni Consigli u Misraħ Gregorio Bonnici.

Nhar il-Ħadd, it-13 ta' Ġunju, 2010, mis-2.00 p.m. 'il quddiem minn Misraħ Santa Marija.

Nhar il-Ħadd, it-18 ta' Lulju, 2010, mis-2.00 p.m. 'il quddiem minn Pjazza tas-Suq.

Nhar il-Ħadd, il-15 ta' Awwissu, 2010, mis-2.00 p.m. 'il quddiem mid-Daħla ta' San Tumas.

Nhar il-Ħadd, il-5 ta' Settembru, 2010, mis-2.00 p.m. 'il quddiem minn Triq il-Falkunier.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġett li jiġu rmunkati.

L-4 ta' Ġunju, 2010

POLICE NOTICE

No. 61

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited and will be suspended on the dates and times indicated.

Żejtun

On Thursday, 10th June, 2010, from 6.00 p.m. onwards through the following streets: Misraħ ir-Repubblika, San Girgor, Beland, Luqa Briffa, Santa Marija, Misraħ Santa Marija, San Pawl, Carlo Diacono, Mater Boni Consigli and Misraħ Gregorio Bonnici.

On Sunday, 13th June, 2010, from 2.00 p.m. onwards through Misraħ Santa Marija.

On Sunday, 18th July, 2010, from 2.00 p.m. onwards through Pjazza tas-Suq.

On Sunday, 15th August, 2010, from 2.00 p.m. onwards through id-Daħla ta' San Tumas.

On Sunday, 5th September, 2010, from 2.00 p.m. onwards through Triq il-Falkunier.

Vehicles found in contravention of this notice are subject to be towed.

4th June, 2010

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 62

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 101/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Tas-Sliema

Nhar il-Ġimgħa, il-25 ta' Ġunju 2010 mit-8.00 a.m. sal-10.00 p.m. minn Triq San Ġwann Battista sa kantuniera ma Triq Santa Marija.

POLICE NOTICE

No. 62

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the dates and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Sliema

On Friday, 25th June 2010 from 8.00 a.m. to 10.00 p.m. through Triq San Ġwann Battista till corner with Triq Santa Marija.

Nhar is-Sibt, is-26 ta' Ġunju 2010 mit-8.00 a.m. sal-10.00 p.m. minn Triq San Ġwann Battista sa kantuniera ma Triq Santa Marija.

Nhar il-Ħadd, is-27 ta' Ġunju 2010 mit-8.00 a.m. sal-10.00 p.m. minn Triq San Ġwann Battista sa kantuniera ma Triq Santa Marija.

Nhar it-Tnejn, it-28 ta' Ġunju 2010 mill-5.00 p.m. sa nofsillejl minn Triq San Trofimu minn Triq San Ġwann Battista sa Triq Santa Marija.

Nhar it-Tlieta, id-29 ta' Ġunju 2010 mis-7.00 p.m. san-12.30 a.m. minn Triq San Trofimu minn Triq San Ġwann Battista sa Triq Santa Marija.

Nhar l-Erbgħa, it-30 ta' Ġunju 2010 mis-7.00 p.m. san-12.30 a.m. minn Triq San Trofimu minn Triq San Ġwann Battista sa Triq Santa Marija.

Nhar il-Ħamis, l-1 ta' Lulju 2010 mis-7.00 p.m. san-12.30 a.m. minn Triq San Trofimu minn Triq San Ġwann Battista sa Triq Santa Marija.

Nhar il-Ġimgħa, it-2 ta' Lulju 2010 mis-7.00 p.m. san-12.30 a.m. minn Triq San Trofimu minn Triq San Ġwann Battista sa Triq Santa Marija.

Nhar is-Sibt, it-3 ta' Lulju 2010 mis-7.00 p.m. san-12.30 a.m. mit-toroq li ġejjin: San Trofimu minn San Ġwann Battista sa Santa Marija, ix-Xatt (inkluż minn ħdejn il-Forestals), M. Dimech, Santa Marija, San Trofimu u San Ġwann Battista.

Nhar il-Ħadd, l-4 ta' Lulju 2010 mit-8.00 a.m. sat-3.00 p.m. minn Triq San Trofimu minn Triq San Ġwann Battista sa Triq Santa Marija.

Nhar il-Ħadd, l-4 ta' Lulju 2010 mit-3.00 p.m. san-12.30 a.m. mit-toroq li ġejjin: San Trofimu, Rodolfu, Manwel Dimech, San Duminku u x-Xatt.

Minn nhar il-Ħamis, l-1 ta' Lulju 2010 sa nhar it-Tnejn, il-5 ta' Lulju 2010 Triq Dun Pawl Vella se tkun magħluqa għat-traffiku.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż, ikunu soġġett li jiġu rmunkati. It-trasport pubbliku se jiġi affettwat.

Il-pubbliku ġenerali huwa mitlub biex jobdi d-direzzjonijiet li jingħataw u l-iskema l-ġdida tat-traffiku li tkun fis-seħħ matul id-dati u l-ħinijiet imsemmija.

L-4 ta' Ġunju, 2010

On Saturday, 26th June 2010 from 8.00 a.m. to 10.00 p.m. through Triq San Ġwann Battista till corner with Triq Santa Marija.

On Sunday, 27th June 2010 from 8.00 a.m. to 10.00 p.m. through Triq San Ġwann Battista till corner with Triq Santa Marija.

On Monday, 28th June 2010 from 5.00 p.m. to midnight through Triq San Trofimu from Triq San Ġwann Battista to Triq Santa Marija.

On Tuesday, 29th June 2010 from 7.00 p.m. to 12.30 a.m. through Triq San Trofimu from Triq San Ġwann Battista to Triq Santa Marija.

On Wednesday, 30th June 2010 from 7.00 p.m. to 12.30 a.m. through Triq San Trofimu from Triq San Ġwann Battista to Triq Santa Marija.

On Thursday, 1st July 2010 from 7.00 p.m. to 12.30 a.m. through Triq San Trofimu from Triq San Ġwann Battista to Triq Santa Marija.

On Friday, 2nd July 2010 from 7.00 p.m. to 12.30 a.m. through Triq San Trofimu from Triq San Ġwann Battista to Triq Santa Marija.

On Saturday, 3rd July 2010 from 7.00 p.m. to 12.30 a.m. through the following streets: San Trofimu from San Ġwann Battista to Santa Marija, the Strand (including from near Forestals), M. Dimech, Santa Marija, San Trofimu and San Ġwann Battista.

On Sunday, 4th July 2010 from 8.00 a.m. to 3.00 p.m. through Triq San Trofimu from Triq San Ġwann Battista to Triq Santa Marija.

On Sunday, 4th July 2010 from 3.00 p.m. to 12.30 a.m. through the following streets: San Trofimu, Rodolfu, Manwel Dimech, San Duminku and The Strand.

From Thursday, 1st July 2010 to Monday, 5th July 2010 Triq Dun Pawl Vella will be closed for traffic.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed. Public transport will be effected.

The general public is requested to follow directions given, and new traffic scheme in operation during the said dates and times.

4th June, 2010

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 33 tal-2010

Ri-evokazzjoni fis-Swar tal-Maċina f'Dockyard Creek fl-Isla, Il-Port il-Kbir

Id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting tat-Transport Malta jgħarraf lill-baħħara kollha li nhar il-Ħadd, is-6 ta' Ġunju, 2010 il-Kunsill Lokali tal-Isla, b'kollaborazzjoni tas-Segretarju Parlamentari għal Djalogu Pubbliku u Informazzjoni, se jorganizza Festival Marittimu fl-Isla. Dawn l-attivitajiet jinkludu:

1) Ri-evokazzjoni tat-tlugħ tal-Grabja fuq il-Bejt tas-Sur tal-Maċina sabiex jinqalgħu l-arbli ta' xini (tlugħ ta' arblu). Matul il-ġurnata se jkun hemm ri-evokazzjoni ta' din il-ħidma marbuta ma' żmien il-Kavallieri.

2) Se ssir Wirja fuq il-baħar mill-Birżebbuġa Sailing Club bejn il-Ponta tal-Isla u l-ewwel bidu tal-pontun (A).

3) Is-Senglea Regatta Club flimkien mar-rappreżentanti minn Sirakuża se jagħti wirjiet ta' qdif bejn l-ewwel pontun (A) u pontun (F).

It-tħejjijiet għal din l-attività jinkludu t-qegħid ta' barkun qrib il-Maċina u se jitneħħew nhar it-Tlieta, it-8 ta' Ġunju, 2010.

Il-baħħara huma avżati biex nhar il-Ħadd, is-6 ta' Ġunju, 2010, ma jbaħħrux f'Dockyard Creek. L-ebda dgħajsa ma titħalla fl-erja ristretta jekk ma jkollhiex permess speċjali mid-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting*, Valletta Port Control (VTS) u b'arranġament mal-Kunsill Lokali tal-Isla. Il-bastimenti awtorizzati biex ibaħħru qrib is-Swar tal-Maċina għandhom jagħmlu hekk b'attenzjoni. B'żieda ma' dan il-baħħara huma avżati biex ibaħħru b'kawtela fil-ħinijiet kollha. Dawn għandhom jobdu l-ordnijiet li jingħataw mill-Valletta Port Control (VTS), VHF Channel 12.

Chart affettwata: BA Chart 177

Parti miċ-*chart* tinsab fuq il-*website* tat-Transport Malta's website: http://www.transport.gov.mt/Page.aspx?pageid=499&lid=1

L-4 ta' Ġunju, 2010

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 33 of 2010

Re-enactment at Macina Bastions in Dockyard Creek at Senglea, Grand Harbour

The Ports and Yachting Directorate of Transport Malta notifies all mariners that on Sunday, 6th June 2010 the Senglea Local Council in collaboration with the Parliamentary Secretary for Public Dialogue and Information will be organising a Maritime Festival in Senglea. These activities shall include:

1) A re-enactment of setting up of Sheer Legs on Macina Bastion Roof for the purpose of de-masting a ship (lifting of a mast). During the day there will be several re-enactments of this operation in relation to the Knight's period.

2) Display at sea by the Birżebbuġa Sailing Club which will be held between Senglea point and the first pontoon head (A).

3) The Senglea Regatta Club together with representatives from Syracuse will hold rowing displays between the first pontoon (A) and pontoon (F).

The preparations for this activity include the placement of a floating barge close to the Macina and which will be removed on Tuesday, 8th June 2010.

Mariners are advised not to navigate inside Dockyard Creek on Sunday, 6th June 2010. No boats will be allowed within the restricted area except by special permission from the Ports and Yachting Directorate, Valletta Port Control (VTS) and by arrangement through the Senglea Local Council. Vessels authorised to navigate in the vicinity of the Macina Bastions are to do so with caution. Moreover mariners are advised to navigate with caution at all times. They are to abide with instructions issued by Valletta Port Control (VTS), VHF Channel 12.

Chart affected: BA Chart 177

Part of chart can be seen on the Transport Malta's website: http://www.transport.gov.mt/Page.aspx?pageid=499&lid=1

4th June, 2010

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 34 tal-2010

Exercise Canale 2010 u Gunnex 0210

Ngħarrfu lill-baħħara li l-Iskwadra Marittima tal-Forzi Armati ta' Malta se jieħdu sehem fl-Exercise Canale 2010 u Gunnex 0210.

1) Exercise Canale se jsir bejn il-pożizzjonijiet li ġejjin:

Latitude (T)	*Longitude (L)*
036° 15. 00'	013° 45. 00'
035° 00. 00'	013° 45. 00'
036° 15. 00'	015° 30. 00'
035° 00. 00'	015° 30. 00'

Dan it-taħriġ se jinkludi ħidma bl-ajru u bil-baħar. Se jikkonċentra fuq taħriġ fit-tiftix u salvataġġ fuq il-baħar (SAR) u operazzjonijiet flimkien rigward Infurzar tal-Liġi Marittima (MLE).

It-taħriġ se jsir bejn it-Tnejn, l-14 ta' Ġunju 2010 f'0600 hours UTC u l-Ħamis, is-17 ta' Ġunju 2010 f'1500 hours UTC.

2) L-isparar fuq il-baħar Exercise Gunnex 0210 se jsir f'ċirku b'raġġ ta' 8 mili nawtiċi, iċċentrat fuq il-*coordinates* li ġejjin:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
035° 30. 50'	014° 12. 50'

It-taħriġ se jsir bejn l-Erbgħa, is-16 ta' Ġunju, 2010 u l-Ħamis, is-17 ta' Ġunju, 2010 minn 0600 hours UTC sa 1500 hours UTC.

F'dan ir-rigward il-baħħara huma avżati biex ibaħħru b'kawtela u meta jbaħħru fl-inħawi jżommu 'l bogħod miż-żoni ristretti meta jkunu matul il-ħinijiet kollha.

Chart affettwata: BA 2124, 165

L-4 ta' Ġunju, 2010

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 34 of 2010

Exercise Canale 2010 and Gunnex 0210

Mariners are informed that the Armed Forces of Malta, Maritime Squadron, will be taking part in Exercise Canale 2010 and Gunnex 0210.

1) Exercise Canale will be held between the following positions:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
036° 15. 00'	013° 45. 00'
035° 00. 00'	013° 45. 00'
036° 15. 00'	015° 30. 00'
035° 00. 00'	015° 30. 00'

This exercise will include Naval and Air activity. It will focus on training in Maritime Search and Rescue (SAR) and Maritime Law Enforcement (MLE) combined operations.

The exercise will be held between Monday, 14th June 2010 at 0600 hours UTC and Thursday, 17th June 2010 at 1500 hours UTC.

2) The Naval Gunnery Exercise Gunnex 0210, will be held within a circle of 8 Nautical Mile Radius, centred on the following coordinates:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
035° 30. 50'	014° 12. 50'

The exercise will be held between Wednesday, 16th June 2010 and Thursday 17th June 2010 between 0600 hours UTC till 1500 hours UTC.

In this respect mariners are advised to navigate with caution and give a wide berth while navigating near the restricted areas at all times.

Chart affected: BA 2124, 165

4th June, 2010

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Sejħa għall-Applikazzjonijiet
***Resident Academic Post (TR4)* Post fil-Liturġija**
fid-Dipartiment tat-Teoloġija Pastorali,
Liturġija u l-Liġi Kanonika
Fakultà tat-Teoloġija

Jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-post *part-time (TR4) Resident Academic* fid-Dipartiment tat-Teolġija Pastorali, Liturġija u l-Liġi Kanonika fil-Fakultà tat-Teoloġija tal-Università ta' Malta. Il-ħatra tkun fuq bażi indefinita, soġġetta għal perjodu ta' prova ta' sena, sal-eta statutorja tal-irtirar.

Min jinħatar ikun mistenni li jiddedika erba' sessjonijiet fil-ġimgħa għat-tagħlim, riċerka u attivitajiet oħra fid-Dipartiment tat-Teoloġija Pastorali, Liturġija u l-Liġi Kanonika fil-Fakultà tat-Tejoloġija, u kif ikun meħtieġ mill-Università. Il-kandidat ikun mistenni li jgħallem kemm fil-livell *undergraduate* kif ukoll *postgraduate,* jissorvelja s-sessjonijiet tal-*practicum,* u jkun lest li jagħmel riċerka fil-qasam tal-Antropoloġija Ritwali b'attenzjoni speċjali għax-xenarju lokali. Ikun mistenni wkoll li jipparteċipa fl-amministrazzjoni tal-affarijiet akkademiċi fil-livell tad-dipartiment, tal-fakultà u wkoll tal-Università.

Il-kandidati jrid ikollhom Dottorat fit-Teoloġija (S.Th. D) bi speċjalizzazzjoni fil-Liturġija u Omeliji. Preferenza tingħata lil dawk il-kandidati li jkollhom esperjenza fit-tagħlim tal-Liturġija fil-livell tal-*undergraduate* u/jew tal-*postgraduate,* u fl-attivitajiet pastorali.

Ir-*Resident Academic Stream* tikkonsisti f'erba' gradi, li huma Professur, Professur Assoċjat, Lettur Anzjan u l-Lettur. Dħul fil-grad ta' Lettur jew ogħla jkun biss għal persuni li jkollhom Ph.D. jew dottorat ekwivalenti bbażati fuq riċerka skont linji gwida stretti stabbiliti mill-Università. Persuna tista' wkoll tinħatar bħala Assistent Lettur u tingħata opportunitajiet biex tavvanza l-istudji tagħha u tieħu promozzjoni.

Is-salarji fis-sena għall-2010 marbuta mal-gradi rispettivi ta' lettur fir-*Resident Academic Stream TR4* huma kif ġej:

Professur €15,473 flimkien ma' *Academic Supplement* ta' €4,260 u *Professorial Allowance* ta' €924

Professur Assoċjat €14,148 flimkien ma' *Academic Supplement* ta' €3,662 u *Professorial Allowance* ta' €564

Lettur Anzjan €12,806 flimkien ma' *Academic Supplement* ta' €3,245

Lettur €10,443 b'żieda fis-sena ta' €282 sa €11,289 flimkien ma' *Academic Supplement* ta' €2,900

UNIVERSITY OF MALTA

Call for Applications
Resident Academic Post (TR4) in Liturgy
at the Department of Pastoral Theology,
Liturgy and Canon Law
Faculty of Theology

Applications are invited for a part-time (TR4) Resident Academic post in the Department of Pastoral Theology, Liturgy, and Canon Law in the Faculty of Theology of the University of Malta. The appointment will be on an indefinite basis, subject to a one-year probationary period, up to statutory retirement age.

The appointee will be required to devote four sessions per week to the teaching, research and other activities of the Department of Pastoral Theology, Liturgy, and Canon Law within the Faculty of Theology, and as may be required by the University. The candidate will be expected to teach all levels (including post-graduate level), supervise the practicum sessions, and be willing to research in the area of Ritual Anthropology with special attention to the local scenario. Participation in the administration of academic affairs at the departmental, faculty and university levels is also expected.

Candidates must be in possession of a Doctorate in Theology (S.Th.D.) with specialisation in Liturgy and Homiletics. Preference will be given to those candidates who have experience in teaching Liturgy at undergraduate and/or postgraduate level, and in pastoral activity.

The Resident Academic Stream is composed of four grades, being Professor, Associate Professor, Senior Lecturer and Lecturer. Entry into the grade of Lecturer or above shall only be open to persons in possession of a Ph.D. or an equivalent research based doctorate within strict guidelines established by the University. However an appointment at Assistant Lecturer may also be offered with the provision of opportunities to the appointee for further studies and promotion.

The annual salaries for 2010 attached to the respective lecturing catergories in the Resident Academic Stream TR4 are as follows:

Professor €15,473 plus Academic Supplement of €4,260 and a Professorial Allowance of €924

Associate Professor €14,148 plus Academic Supplement of €3,662 and a Professorial Allowance of €564

Senior Lecturer €12,806 plus Academic Supplement of €3,245

Lecturer €10,443 with an annual increment of €282 to €11,289 and an Academic Supplement of €2,900

L-Università ta' Malta tforni lill-i*staff* akkademiku bir-riżorsi finanzjarji permezz tal-Fond tar-Riżorsi Akkademiċi biex tappoġġa żvilupp kontinwu professjonali u biex tipprovdi l-mezzi u r-riżorsi meħtieġa minn akkademiku biex jeżegwixxi sewwa l-impenji ta' tagħlim u riċerka fi ħdan l-Università.

L-Universita' ta' Malta tista' taħtar kandidati promettenti fil-grad ta' Assistent Lettur, bil-kundizzjoni li jkollhom impenn biex jiksbu l-kwalifiki meħtieġa biex jidħlu fir-*Resident Academic Stream*. Dawn il-kandidati jew ikunu kisbu riżultati eċċezzjonali f'livell ta' *undergraduate,* ikollhom kwalifika ta' Masters, jew ikun ġew aċċettati għal jew fil-proċess li jiksbu l-grad tagħhom fil-PhD.

Assistent Lettur bil-Masters €9,745 b'żieda fis-sena ta' €262 sa €10,531 flimkien ma' *Academic Supplement* ta' €1,466

Assistent Lettur €9,073 b'żieda fis-sena ta' €234 sa €9,775 flimkien ma' *Academic Supplement* ta' €1,383

Rekwiżiti Kanoniċi:

Flimkien mal-applikazzjoni l-applikanti jridu jissottomettu ċertifikat mill-Eċċellenza Tiegħu l-Arċisqof li jikkonferma li ma jkunx hemm oġġezzjonijiet kanoniċi.

Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra tal-applikazzjoni, sitt kopji tal-*curriculum vitae,* kopja waħda tac-ċertifikati u l-ismijiet u indirizzi ta' tliet *referees* lid:-

Direttur għat-Tmexxija u l-Iżvilupp
tar-Riżorsi Umani
Kamra 214, Uffiċċji Amministrattivi
l-Università ta' Malta
Msida, MSD 2080

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu sa nofsinhar tat-Tnejn, l-14 ta' Ġunju 2010.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mid-Dean tal-Fakultà tat-Teoloġija jew mill-Uffiċċju għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Uffiċċji Amministrattivi, Kamra 214 u mill-*website:* http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies

L-4 ta' Ġunju, 2010

The University of Malta will provide academic staff with financial resources through the Academic Resources Fund to support continuous professional development and to provide the tools and resources required by an academic to adequately fulfil the teaching and research commitments within the University.

The University of Malta may also appoint promising and exceptional candidates into the grade of Assistant Lecturer, provided that they are committed to obtain the necessary qualifications to enter the Resident Academic Stream. Such candidates will either have achieved exceptional results at undergraduate level, be already in possession of a Masters qualification, or would have been accepted for or already in the process of achieving their PhD.

Assistant Lecturer with Masters €9,745 with an annual increment of €262 to €10,531 and an Academic Supplement of €1,466

Assistant Lecturer €9,073 with an annual increment of €234 to €9,775 and an Academic Supplement of €1,383

Canonical Requisites:

Applicants are required to submit along with their application a certificate by His Grace the Archbishop confirming that there are no canonical objections.

Candidates should submit their letter of application, six copies of their curriculum vitae, one set of copies of their certificates and the names and addresses of three referees to:-

Director for Human Resources
Management and Development
Room 214, Administration Building
University of Malta
Msida, MSD 2080

Applications should be received by noon of Monday, 14th June 2010.

Late applications will not be considered.

Further information may be obtained from the Dean of the Faculty of Theology or from the Office for Human Resources Management and Development, Administration Building, Room 214, or from the following website: http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies

4th June, 2010

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Post Akkademiku *Full-Time* fil-Fiżika fil-Junior College

Jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-post Akkademiku *full-time* fil-Fiżika fil-Junior College. Din il-ħatra hija fuq bażi indefinita, soġġetta għall-prova ta' sena, sal-eta statutorja tal-irtirar.

Il-kandidat irid jikkontribwixxi għat-tagħlim u attivitajiet amministrattivi u kif kun meħtieġ mill-Junior College.

Il-kandidati normalment ikun meħtieġ li jkollhom kwalifiki fil-*post-graduate* u tal-anqas (5) ħames snin esperjenza fit-tagħlim jew esperjenza professjonali f'pożizzjoni ta' responsabbiltà relatata mas-suġġett li se jkunu jgħallmu.

Il-kategorija tal-lecturing fil-Junior College huma dawk ta' Assistent Lettur tal-Junior College, Lettur tal-Junior College, Lettur Anzjan I tal-Junior College u Lettur Anzjan II tal-Junior College.

Is-salarju annwali għal 2010 marbut mal-gradi rispettivi ta' lettur huma kif ġej:-

Lettur Anzjan II tal-Junior College €30,628 u għotja ta' €5,147

Lettur Anzjan I tal-Junior College €29,104 u għotja ta' €4,949

Lettur tal-Junior College €23,735 b'żieda fis-sena ta' €641 sa €25,658 u għotja ta' €4,501

Assistent Lettur bil-Masters tal-Junior College €22,148 b'żieda fis-sena ta' €596 sa €23,963 u għotja ta' €2,633

Assistent Lettur tal-Junior College €20,621 b'żieda fis-sena ta' €531 sa €22,214 u għotja of €2,444

Il-Junior College jipprovdi lill-i*staff* akkademiku b'riżorsi finanzjarji mill-Junior College Resources Fund biex jissaportja t-tagħlim, u l-attivitajiet l-oħra li huma relatati mal-iżvilupp tal-*curriculum* u l-promozzjoni tas-suġġetti li jgħallmu fl-iskola.

Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra tal-applikazzjoni, sitt kopji tal-*curriculum vitae*, kopja waħda taċ-ċertifikati u tliet ismijiet u indirizzi ta' *referees* lid:-

UNIVERSITY OF MALTA

Full-Time Academic Post in Physics at the Junior College

Applications are invited for a Full-time Academic post in Physics at the Junior College. The appointment will be on an indefinite basis, subject to one-year probationary period, up to statutory retirement age.

The appointee will be required to contribute to the teaching and administrative duties as may be required by the Junior College.

Candidates will normally be required to have a post-graduate qualification and at least (5) years teaching experience or professional experience in a position of responsibility related to the subject matter they are engaged to teach.

The lecturing categories at the Junior College are those of Junior College Assistant Lecturer, Junior College Lecturer, Junior College Senior Lecturer I and Junior College Senior Lecturer II.

The annual salary for 2010 attached to the respective lecturing categories are as follows:-

Junior College Senior Lecturer II €30,628 plus Allowances of €5,147

Junior College Senior Lecturer I €29,104 plus Allowances of €4,949

Junior College Lecturer €23,735 with an annual increment of €641 to €25,658 and an Allowance of €4,501

Junior College Assistant Lecturer with Masters €22,148 with an annual increment of €596 to €23,963 and an Allowance of €2,633

Junior College Assistant Lecturer €20,621 with an annual increment of €531 to €22,214 and an Allowance of €2,444

The Junior College will provide academic staff with financial resources through the Junior College Academic Resources Fund to support their teaching, their activities related to curriculum development and the promotion of their subject.

Candidates should submit their letter of application, six copies of their curriculum vitae, one set of copies of their certificates and names and addresses of three referees to:

Direttur għat-Tmexxija u l-Iżvilupp
tar-Riżorsi Umani
Kamra 214, Uffiċċji Amministrattivi
l-Università ta' Malta
Msida, MSD 2080

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu sa nofsinhar tat-Tnejn, l-14 ta' Ġunju 2010.

Applikazzjonijiet li jaslu tard jiġux ikkunsidrati.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Uffiċċji Amministrattivi, Kamra 214 u mill-*website:* http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies

L-4 ta' Ġunju, 2010

Director for Human Resources
Management and Development
Room 214, Administration Building
University of Malta
Msida, MSD 2080

Applications should be received by not later than noon of Monday, 14th June 2010

Late applications will not be considered.

Further information may be obtained from the Office for Human Resources Management and Development, Room 214, Administration Building or on the website: http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies

4th June, 2010

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Resident Academic Full-Time Post
fl-Edukazzjoni Fiżika u s-Saħħa
fid-Dipartiment tal-Matematika, Xjenza
u Edukazzjoni Teknika
Fakultà tal-Edukazzjoni

Jintlaqgħu applikazzjonijiet għal *Resident Academic full-time post* fid-Dipartiment tal-Matematika, Xjenza u Edukazzjoni Teknika fil-Fakultà tal-Edukazzjoni tal-Università ta' Malta. Il-ħatra tkun fuq bażi indefinita, soġġetta għal perjodu ta' prova ta' sena, sal-eta tal-irtirar statutorja.

Min jinħatar ikun meħtieġ li jipparteċipa fit-tagħlim, riċerka u attivitajiet oħra fid-Dipartiment tal-Matematika, Xjenza u Edukazzjoni Teknika fil-Fakultà tal-Edukazzjoni tal-Università ta' Malta. L-oqsma tat-tagħlim jinkludi l-edukazzjoni fiżika u l-pedagoġija tal-isport, il-filosofija tal-isport, l-amministrazzjoni tal-isport, l-inklużjoni fl-edukazzjoni fiżika u t-tagħlim tal-logħob kemm individwali kif ukoll f'*team*.

Il-kandidati irid ikollhom dottorat fl-edukazzjoni bi speċjalizzjoni fit-tagħlim tal-Edukazzjoni Fiżika, flimkien ma' tal-anqas ħames snin esperjenza fit-tagħlim kemm fl-iskejjel primarji kif ukoll skejjel sekondarji fi ħdan is-sistema tal-Edukazzjoni Maltija. Esperjenza fit-tagħlim f'livell Universitarju titqies bħala vantaġġ. Idealment il-kandidati għandu jkollhom esperjenza fl-organizzazzjoni u tneħħija ta' avvenimenti fi ħdan il-komunità.

Is-salarju fis-sena għall-2010 li jingħata lill-gradi rispettivi fir-*Resident Academic Stream* huma kif ġej:

Professur €35,167 flimkien ma' *Academic Supplement* ta' €9,681 u *Professorial Allowance* ta' €2,100

UNIVERSITY OF MALTA

Resident Academic Full-Time Post
in Physical and Health Education
at the Department of Mathematics, Science
and Technical Education
Faculty of Education

Applications are invited for a full-time Resident Academic post in the Department of Mathematics, Science and Technical Education in the Faculty of Education of the University of Malta. The appointment will be on an indefinite basis, subject to a one-year probationary period, up to statutory retirement age.

The appointee will be required to contribute to the teaching, research and other activities of the Department of Mathematics, Science and Technical Education within the Faculty of Education, and as may be required by the University. The areas of teaching include physical education and sport pedagogy, philosophy of sport, sports administration, inclusion in physical education and the teaching of individual and team games.

Candidates must be in possession of a doctoral degree in education with specialisation in the teaching of Physical Education, together with a minimum of five years teaching experience in both primary and secondary schools within the Maltese Educational system. Teaching experience at University level will be considered an asset. Ideally, candidates should also have experience in organising and managing events within the community.

The annual salary for 2010 attached to the respective grades in the Resident Academic Stream is as follows:

Professor €35,167 plus an Academic Supplement of €9,681 and a Professorial Allowance of €2,100

Professur Assoċjat €32,154 flimkien ma' *Academic Supplement* ta' €8,323 u *Professorial Allowance* ta' €1,282

Lettur Anzjan €29,104 flimkien ma' *Academic Supplement* ta' €7,374

Lettur €23,735 b'żieda fis-sena ta' €641 sa €25,658 flimkien ma' *Academic Supplement* ta' €6,592

L-Università ta' Malta tforni lill-i*staff* akkademiku bir-riżorsi finanzjarji permezz tal-Fond tar-Riżorsi Akkademiċi biex tappoġġa żvilupp kontinwu professjonali u biex tipprovdi l-mezzi u r-riżorsi meħtieġa minn akkademiku biex jeżegwixxi sewwa l-impenji ta' tagħlim u riċerka fi ħdan l-Università.

L-Università ta' Malta tista' taħtar kandidati promettenti fil-grad ta' Assistent Lettur, bil-kundizzjoni li jkollhom impenn biex jiksbu l-kwalifiki meħtieġa biex jidħlu fir-*Resident Academic Stream*. Dawn il-kandidati jew ikunu kisbu riżultati eċċezzjonali f'livell ta' *undergraduate,* ikollhom kwalifika ta' Masters, jew ikun ġew aċċettati għal jew fil-proċess li jiksbu l-grad tagħhom fil-PhD.

Assistent Lettur bil-Masters €22,148 b'żieda fis-sena ta' €596 sa €23,936 flimkien ma' *Academic Supplement* ta' €3,332

Assistent Lettur €20,621 b'żieda fis-sena ta' €531 sa €22,214 flimkien ma' *Academic Supplement* ta' €3,143

Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra tal-applikazzjoni, sitt kopji tal-*curriculum vitae,* kopja waħda taċ-ċertifikati u l-ismijiet u indirizzi ta' tliet *referees* lid:-

Direttur għat-Tmexxija u l-Iżvilupp
tar-Riżorsi Umani
Kamra 214, Uffiċċji Amministrattivi
l-Università ta' Malta
Msida, MSD 2080

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu sa nofsinhar tat-Tnejn, l-14 ta' Ġunju 2010.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Uffiċċji Amministrattiv, Kamra 214 u mill-*website:* http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies

L-4 ta' Ġunju, 2010

Associate Professor €32,154 plus an Academic Supplement of €8,323 and a Professorial Allowance of €1,282

Senior Lecturer €29,104 plus an Academic Supplement of €7,374

Lecturer €23,735 with an annual increment of €641 to €25,658 and an Academic Supplement of €6,592

The University of Malta will provide academic staff with financial resources through the Academic Resources Fund to support continuous professional development and to provide the tools and resources required by an academic to adequately fulfil the teaching and academic research commitments within the University.

The University of Malta may also appoint promising and exceptional candidates into the grade of Assistant Lecturer, provided that they are committed to obtain the necessary qualifications to enter the Resident Academic Stream. Such candidates will either have achieved exceptional results at undergraduate level, be already in possession of a Masters qualification, or would have been accepted for or already in the process of achieving their PhD.

Assistant Lecturer with Masters €22,148 with an annual increment of €596 to €23,936 and an Academic Supplement of €3,332

Assistant Lecturer €20,621 with an annual increment of €531 to €22,214 and an Academic Supplement of €3,143

Candidates should submit their letter of application, six copies of their curriculum vitae, one set of copies of their certificates and the names and addresses of three referees to:-

Director for Human Resources
Management and Development
Room 214, Administration Building
University of Malta
Msida, MSD 2080

Applications should be received by noon of Monday, 14th June 2010.

Late applications will not be considered.

Further information may be obtained from the Office for Human Resources Management and Development, Administration Building, Room 214 or from the website: http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies

4th June, 2010

KULLEĠĠ MALTI TAL-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi

Il-Kulleġġ Malti tal-Arti, ix-Xjenza u t-Teknoloġija jinħtieġ li jimla l-pożizzjoni ta':

Deputat Direttur, L-Istitut tas-Servizzi fil-Komunità
(Permess tal-ETC Nru. 50/2010)

L-applikanti għall-post għandu jkollhom tal-anqas:

L-ewwel *degree* jew fix-Xogħol Soċjali jew fil-Psikoloġija
Kwalifika ta' wara l-gradwazzjoni fix-Xogħol Soċjali, il-Psikoloġija jew *Management*
JEW ħames (5) snin esperjenza f'pożizzjoni ta' *management*, u
Tal-anqas ħames (5) esperjenza fit-tagħlim/*lecturing* relatati mas-Saħħa u Ħarsien Soċjali jew Psikoloġija.

Il-kandidat li jintgħażel jiġi ingaġġat fuq kuntratt definit ta' tliet snin, li wara jiġġedded soġġett ta' servizz sodisfaċenti.

Business Development Manager
(Permess tal-ETC Nru. 17/2010) (MPO/205/2005/31)

L-applikanti għandu jkollhom:
Degree Universitarja fl-Inġinerija jew fil-*Business*
Master's degree fil-Business Administration, u

Tal-anqas tliet (3) snin esperjenza fil-*business administration*. Kandidati prospettivi huma mistiedna li jissottomettu l-formola tal-applikazzjoni tal-MCAST mimlija kif suppost, flimkien mal-*employment history sheet* li tinkiseb mill-ETC, mhux aktar tard minn nofsinhar tat-Tnejn, l-14 ta' Ġunju, 2010.

L-applikazzjonijiet, li jinkisbu *online* u mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fil-Campus Prinċipali tal-MCAST, għandhom ikunu indirizzati lil:

Id-Direttur Amministrattiv,
Bini tal-Amministrazzjoni,
MCAST Main Campus,
It-Telgħa ta' Kordin,
Paola PLA 9032.
Tel: 2398 7100
Fax: 2398 7316
website: www.mcast.edu.mt

Applikazzjonijiet li jaslu tard u li ma jkunux mimlija kif suppost ma jiġux ikkunsidrati.

L-4 ta' Ġunju, 2010

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies

The Malta College of Art, Science and Technology is seeking to fill the position of:

Deputy Director, Institute of Community Services
(ETC Permit 50/2010)

Applicants for the post should possess as a minimum:

A first degree in either Social Work or Psychology
A postgraduate qualification in Social Work, Psychology or Management
OR five (5) years experience in a management position, and
A minimum of five (5) years teaching/lecturing experience related to Health and Social Care or Psychology.

The successful candidate will be engaged on a three year definite contract, renewable thereafter subject to satisfactory performance.

Business Development Manager
(ETC Permit 17/2010) (MPO/205/2005/31)

Applicants must be in possession of:
A University Degree in Engineering or Business
A Master's degree in Business Administration, and

A minimum of three (3) years experience in business administration. Prospective candidates are invited to submit the completed College Application Form, together with their employment history sheet obtainable from the ETC, by not later than noon of Monday, 14th June, 2010.

Applications, which are available online and from the Human Resources Office at MCAST Main Campus, are to be addressed to:

The Administrative Director,
Administration Building,
MCAST Main Campus,
Corradino Hill,
Paola PLA 9032.
Tel: 2398 7100
Fax: 2398 7316
website: www.mcast.edu.mt

Late and incomplete applications will not be considered.

4th June, 2010

KULLEĠĠ MALTI TAL-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanza

Il-Kulleġġ Malti tal-Arti, ix-Xjenza u t-Teknoloġija jiħtieġ li jimla l-pożizzjoni ta':

Lecturing Staff f'Suġġetti ta' Xjenza Agrikola
(Permess tal-ETC Nru. 106/2010)

Il-kandidat magħżul ikun meħtieġ li jgħallem:
Vocational Animal Husbandry Study Units
Vocational Plant/Crop Husbandry Study Units

Applikanti għandu jkollhom:
L-ewwel *degree* f'suġġett tax-xjenza (relatat)
MSc fix-Xjenzi Agrikoli jew MSc fil-Farmaċija Agrikola u Veterinarja
Tal-anqas tliet (3) snin esperjenza fit-tagħlim/*lecturing* rilevanti u/jew esperjenza industrijali.

Kandidati prospettivi huma mistiedna li jissottomettu l-formola tal-applikazzjoni tal-MCAST mimlija kif suppost, flimkien mal-*employment history sheet* li tinkiseb mill-ETC, mhux aktar tard minn nofsinhar tat-Tnejn, il-21 ta' Ġunju, 2010.

L-applikazzjonijiet, li jinkisbu *online* u mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fil-Campus Prinċipali tal-MCAST, għandhom ikunu indirizzati lil:

Id-Direttur Amministrattiv,
Bini tal-Amministrazzjoni,
MCAST Main Campus,
It-Telgħa ta' Kordin,
Paola PLA 9032.
Tel: 2398 7100
Fax: 2398 7316
website: www.mcast.edu.mt

Applikazzjonijiet li jaslu tard u li ma jkunux mimlija kif suppost ma jiġux ikkunsidrati.

L-4 ta' Ġunju, 2010

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancy

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to fill the position of:

Lecturing Staff in Agricultural Science Subjects
(ETC Permit 106/2010)

The successful candidates will be required to teach:
Vocational Animal Husbandry Study Units
Vocational Plant/Crop Husbandry Study Units

Applicants must be in possession of:
A first degree in a science (or related) subject
An MSc in Agricultural Sciences or an MSc in Agricultural and Veterinary Pharmacy
At least three (3) years full-time relevant and appropriate lecturing and/or relevant industrial experience.

Prospective candidates are invited to submit the completed College Application Form, together with their employment history sheet obtainable from the ETC, by not later than noon of Monday, 21st June, 2010.

Applications, which are available online and from the Human Resources Office at MCAST Main Campus, are to be addressed to:

The Administrative Director,
Administration Building,
MCAST Main Campus,
Corradino Hill,
Paola PLA 9032.
Tel: 2398 7100
Fax: 2398 7316
website: www.mcast.edu.mt

Late and incomplete applications will not be considered.

4th June, 2010

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA, L-ANZJANI U KURA FIL-KOMUNITÀ

Riżultat tal-Intervista għall-Post ta' Deffien fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Is-Segretarju Permanenti jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat għall-intervista għall-post imsemmi hawn fuq fin-*notice-board* prinċipali fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani

MINISTRY FOR HEALTH, THE ELDERLY AND COMMUNITY CARE

Result of Interview for the Post of Gravedigger in the Ministry for Health, the Elderly and Community Care

The Permanent Secretary notifies that the result of the interview for the above-mentioned post may be viewed on the main notice-board in the Ministry for Health, the Elderly and

u Kura fil-Komunità, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, u fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

L-4 ta' Ġunju, 2010

DIPARTIMENT TAR-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI U TAL-IMPIEG

***Trade Unions* u Assoċjazzjonijiet tal-Prinċipali**

Ir-Reġistratur tat-*Trade Unions* jgħarraf li skont l-artikolu 58 tal-Att tal-2002 dwar Relazzjonijiet Industrijali, it-*Trade Unions* u Assoċjazzjonijiet tal-Prinċipali rreġistrati huma mitluba illi fi żmien ħmistax-il jum, jibagħtu lir-Reġistratur tat-*Trade Unions*, f'121, Triq Melita, Valletta, dawn id-dettalji:-

(a) lista tal-ismijiet tal-uffiċjali tal-*union* jew assoċjazzjoni, li turi wkoll il-kariga ta' kull wieħed minnhom;

(b) dikjarazzjoni li l-ismijiet tal-membri u partikolaritajiet oħra murija fir-reġistrazzjoni li għandha tinżamm skont l-artikolu 57 ta' dan l-Att ikunu ġew aġġornati u li tibdil meħtieġ ikun sar fl-imsemmija reġistrazzjoni għal dan il-għan;

(ċ) in-numru tal-membri tal-*Union* jew Assoċjazzjoni (għid kemm minnhom huma rġiel u kemm minnhom huma nisa);

(d) dikjarazzjoni tad-dħul, fondi u nfiq tal-*Union* jew Assoċjazzjoni dwar is-sena ta' qabel;

(e) kopja tar-rapport annwali li juri l-ħidma tal-*Union* jew Assoċjazzjoni matul is-sena ta' qabel jew jekk ma jkun sar ebda rapport bħal dak, dikjarazzjoni ffirmata mis-Segretarju tal-*Union* jew Assoċjazzjoni li turi l-imsemmija ħidma matul dik is-sena.

L-4 ta' Ġunju, 2010

AVVIŻ TAT-TEŻOR

Fidwa ta' €1,269,276 7% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2010 (III)

Skont u għall-finijiet ta' paragrafu 5 tad-Direttivi mill-Ministru tal-Finanzi għall-Ħruġ ta' €1,269,276 (Lm544,900) bis-7% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2010 (III) taħt l-Avviż Legali Nru. 117 tat-30 ta' Ġunju, 2000 u l-Avviż tat-Teżor tal-20 ta' Lulju, 2001, l-*Accountant General* javża li l-i*Stock* imsemmi hawn fuq ser jinfeda fit-2 ta' Lulju, 2010. L-imgħax dovut għall-perjodu bejn il-31 ta' Diċembru, 2009 u t-2 ta' Lulju, 2010 jitħallas fid-data tal-fidwa tal-i*stock* nhar it-2 ta' Lulju, 2010.

L-4 ta' Ġunju, 2010

Community Care, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

4th June, 2010

DEPARTMENT OF INDUSTRIAL AND EMPLOYMENT RELATIONS

Trade Unions and Employers' Associations

The Registrar of Trade Unions notifies that in terms of section 58 of the Employment and Industrial Relations Act, 2002, all registered Trade Unions and Employers' Associations are required to forward to the Registrar of Trade Unions at 121, Triq Melita, Valletta, within fifteen days, the following particulars:-

(a) a list of the names of the officers of the union or association, showing also the office held by each of them;

(b) a declaration that the names of members and other particulars shown in the records required to be kept by section 57 of this Act have been brought up to date and that the necessary alterations have been made to the said record for that purpose;

(c) the number of members of the Trade Union or Employers' Association (specify how many of the members are males and how many are females);

(d) a statement of the receipts, funds and expenditure of the Union or Association in respect of the preceeding year;

(e) a copy of the annual report showing the activities of the Union or Association during the preceeding year, or, if no such report had been made, a statement signed by the Secretary of the Union or Association showing the said activity during that year.

4th June, 2010

TREASURY NOTICE

Redemption of €1,269,276 7% Malta Government Stock 2010 (III)

Pursuant to and for the purpose of paragraph 5 of the Directives by the Minister of Finance for the issue of €1,269,276 (Lm544,900) 7% Malta Government Stock 2010 (III) under Legal Notice No. 117 dated 30th June, 2000 and Treasury Notice dated 20th July, 2001, the Accountant General confirms that the captioned Stock will be redeemed on the 2nd July, 2010. Interest due for the period from the 31st day of December, 2009 to the 2nd day of July, 2010 shall be made on the redemption date of the stock the 2nd July, 2010.

4th June, 2010

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Skema għar-Restawr ta' Rdieden tar-Riħ

1. Introduzzjoni u Skop

Il-Ministeru għal Għawdex, bħala l-Ministeru responsabbli mill-amministrazzjoni tal-Gżira, ġie nkarigat bl-implimentazzjoni tal-viżjoni Eko-Għawdex. Din il-viżjoni tiffoka fuq il-kisba ta' miri għoljin ta' żvilupp sostenibbli għall-gżira, filwaqt li tassigura li l-wirt tagħha jkun protett. Dan il-wirt għandu jgħin biex jinkiseb impatt sinjifikanti fl-iżvilupp soċjali, ekonomiku, ambjentali u kulturali tal-gżira.

Mod wieħed kif dan jista' jiġi milħuq huwa permezz tal-promozzjoni attiva u l-valorizzar tal-prattiċi sostenibbli tradizzjonali. L-użu tal-irdieden tar-riħ f'postijiet agrikoli huwa eżempju ta' dan.

Din l-iskema ta' għajnuna hija intiża li tivvaluta tradizzjoni prattika tal-applikazzjoni tal-użu ta' enerġija rinnovabbli u li tippromwoviha bħala miżura sostenibbli tradizzjonali li għadha valida anke llum. Din l-iskema hija ntiża li tissussidja r-restawr ta' rdieden tar-riħ eżistenti f'Għawdex. Din l-iskema hija maqsuma f'żewg miżuri:

Miżura 1 – Ir-restawr ta' rdieden tar-riħ fuq art agrikola ta' bdiewa *full time* jew bdiewa *part time*, jew inkella bdiewa li jaħdmu fl-agro-turiżmu;

Miżura 2 – Ir-restawr ta' rdieden tar-riħ fuq art li mhux qed tintuża għal skopijiet ekonomiċi.

Interpretazzjoni

F'din l-Iskema, sakemm il-kuntest ma jagħtix tifsira differenti:
'*applikant'* ifisser kwalunkwe persuna, li hija residenti f'Għawdex, li għandha 18-il sena jew iktar fid-data ta' din l-applikazzjoni, u li tagħmel applikazzjoni għal din l-għotja fit-termini ta' din l-Iskema;
'*Ministeru'* jfisser il-Ministeru għal Għawdex;
'*pompa tar-riħ'* tirreferi għall-irdieden tar-riħ tradizzjonali li jtellgħu l-ilma;
'*data tax-xiri'* tfisser id-data ta' fuq l-aħħar rċevuta fiskali li għandha x'taqsam ma' xiri relatat ma' din l-iskema;
'*il-perjodu tal-iskema'* tfisser il-perjodu bejn (u li jinkludi) d-data effettiva u d-data tal-egħluq;
'*data effettiva'* tfisser il-5 ta' Ġunju 2010;
'*rċevuta fiskali'* tfisser rċevuta kif inhi spjegata fl-Iskeda Tlettax tal-Att tat-Taxxa għall-Valur Miżjud (Kap 406) – li tinkludi wkoll kull regolament maħruġ taħt l-istess Att;
'*Għawdex'* ifisser il-gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna;
'*teknoloġija jew teknoloġiji, sistema, tagħmir, jew installazzjoni'* tirreferi għal partijiet mill-irdieden tar-riħ li jridu jiġu installati sabiex jerġgħu jirrendu funzjonabbli l-irdieden tar-riħ li diġà jeżistu;
'*sid'* jinkludi sħab ma' terżi, '*enfitewta'* jinkludi enfitewti ma' terzi u *'kerrej*' jinkludi **kirja ma' terzi**, u
'*enfitewta'* jinkludi *sub-enfitewta* u '*kerrej'* jinkludi *sub-kerrej;*
'*data tal-egħluq'* tfisser id-data tal-egħluq ta' din l-iskema hekk kif stabbilita b'avviż tal-Gvern;
'*data tal-ordni'* tfisser id-data tal-manifattura jew id-data tal-irċevuta fiskali, liema minnhom tkun l-iktar kmieni.
'agro-turiżmu' tfisser attività primarjament agrikola.
F'każ ta' kunflitt ta' interpretazzjoni bejn il-verżjonijiet ta' dawn ir-regolamenti bil-Malti u bl-Ingliż, l-interpretazzjoni magħmula mill-Ministeru għal Għawdex tkun finali.

2. Applikabilità

Din l-iskema tapplika għal infiq ta' flus ikkonfermat minn irċevuti fiskali u dokumentazzjoni oħra; bħal per eżempju fatturi *(invoices)* kummerċjali, li juri li tali nfiq kien magħmul fuq servizzi/prodotti eliġibbli, li wassal għar-restawr ta' rdieden tar-riħ f' Għawdex; u li għalihom ġiet magħmula applikazzjoni taħt din l-Iskema ta' Għajnuna. Din l-għajnuna hija pagabbli biss għal:

(a) installazzjonijiet dedikati għall-użu tal-agrikoltura u/jew agro-turiżmu; jew
(b) installazzjonijiet fuq art li mhux qed tintuża għal skopijiet ekonomiċi.

3. Applikanti Eligibbli

Biex ikun eliġibbli, applikant għandu:

Taħt Miżura 1 - ikun is-sid, jew huwa enfitewta jew kerrej tal-propjetà, li hija użata għal skopijiet agrikoli jew agro-turiżmu, bl-awtorità kollha neċessarja sabiex japplika għal din l-għotja;

Taħt Miżura 2 – ikun is-sid tal-propjetà, jew huwa enfitewta jew kerrej tal-propjetà li mhux qed tintuża għal skopijiet ekonomiċi, bl-awtorità kollha neċessarja sabiex japplika għal din l-għotja;

ikun resident ta' Għawdex u għandu karta tal-Identità kif imniżżel fl-Att tal-Karta tal-Identità;

Taħt Miżura 1 - ikun bidwi rreġistrat, u l-art agrikola li fiha teżisti s-sistema hija reġistrata taħt l-IACS;

Taħt Miżura 2 - huwa persuna li ma jużax l-pompa tar-riħ għal skopijiet ekonomiċi;

ma jkunx rċieva għotjiet jew sussidji oħra għal din is-sistema minn skemi oħra li jinkludu fondi tal-Gvern ta' Malta jew fondi tal-Unjoni Ewropea. Applikanti jistgħu jikkwalifikaw għal mhux iktar minn għotja waħda għal kull pompa;

ikun kiseb il-permessi li jistgħu ikunu neċessarji għal din l-istallazzjoni;

Taħt Miżura 1 - ikun installa dan it-tagħmir fi propjetà li qed tintuża għal użu ta' agrikultura u/jew agro-turiżmu, u li mhux tintuża minnu/minnha għal skopijiet ekonomiċi oħra;

Taħt Miżura 2 – ikun installa dan it-tagħmir fi propjetà li mhux qed tintuża għal skopijiet ekonomiċi;

jippermetti lil Awdituri tal-Ministeru jagħmlu spezzjonijiet fuq it-tagħmir installat fis-sit in kwistjoni u jipprovdi kull informazzjoni rikjesta;

jaċċetta li l-informazzjoni fuq il-formola tal-applikazzjoni li tinkludi, fost l-oħrajn, isem l-applikant, kif ukoll l-ammont ta' għajnuna eligibbli tkun tidher f'dokumenti pubbliċi, li tinkludi s-siti elettroniċi tal-Ministeru, kollha jew parti minnhom, u fl-istadji li tkun qed tiġi proċessata din l-applikazzjoni.

Il-Ministeru jirriserva kull dritt li kull applikazzjoni tista' tiġi rifjutata u jieħu azzjoni legali għall-irkupru tal-ammont tal-għotja bl-interess u spejjeż oħra rikorsi fil-każ li:

- l-applikant jagħti dettalji mhux korretti f'din l-applikazzjoni;
- ċertu kundizzjonijiet ta' din l-Iskema ma jiġux milħuqa, jew
- xi forma ta' għotja oħra għall-istess tagħmir tkun diġa ngħatat
- raġunijiet oħra fejn l-intenzjoni tajba tal-applikant tkun nieqsa.

4. Spejjeż Eliġibbli

L-ispejjeż li għandhom ikunu nklużi għall-finijiet ta' din l-għotja għandhom iservu għall-azzjonijiet neċessarji għar-restawr ta' rdieden tar-riħ eżistenti. Xħieda rispettiva ta' dawn l-ispejjeż għandhom ikunu l-irċevuti fiskali, u dokumenti oħra kif indikati f'Sezzjoni 2, maħruġin skond il-liġi. Pagamenti li ma jkunux akkumpanjati b'irċevuta fiskali mhumiex eliġibbli.

L-ispejjeż eliġibbli huma:

spejjeż tat-tagħmir u/jew *parts*:

spejjeż tax-xogħol neċessarju fuq is-sistema sabiex tiġi restawrata.

Spejjeż oħra relatati ma' l-użu tar-raddiena, bħal per eżempju spejjeż tal-ġibjun tal-ilma, is-sistema tad-distribuzzjoni tal-ilma u azzjonijiet/materjal ieħor simili huwa kkunsidrat ineliġibbli għall-iskop ta' din l-Iskema.

5. Mod ta' applikazzjoni u dokumenti rikjesti

i Applikazzjonijiet taħt din l-Iskema għandhom ikunu magħmula mill-applikant fuq il-formola mehmuża ma' dan id-dokument u għandhom jinkludu l-informazzjoni kollha, dettalji u dokumenti kif mitlub fl-istess formola, ai termini ta' din l-istess skema;

ii Applikazzjonijiet għandhom jinkludu d-dokumenti kollha hekk kif imniżżel fil-formola tal-applikazzjoni;

iii Dawk l-applikazzjonijiet li huma konformi mal-proviżjonijiet ta' din l-Iskema biss ikunu eliġibbli għal din l-għotja;

iv Applikazzjonijiet li jaqgħu taħt din l-Iskema, li jkunu jinkludu d-dokumenti kollha li jridu jiġu sottomessi ma' din l-applikazzjoni, jintlaqgħu il-Farm tal-Gvern, Dipartiment għall-Proġetti u Żvilupp, Triq l-Imġarr, Xewkija, Għawdex, mhux aktar tard mill-Erbgħa, 30 ta' Ġunju 2010 sas-1.30pm. (In-numru tat-telephone ta' dan l-uffiċċju huwa 21552818)

6. Proċessar tal-applikazzjonijiet u ordni ta' mertu

L-Applikazzjonijiet se jiġu evalwati minn Kumitat ta' Selezzjoni, li jiġi mwaqqaf mill-Ministeru għal Għawdex.

Fil-każ li l-applikazzjonijiet jeċċedu l-fondi allokati għal din is-sejħa, il-kriterji li ġejjin jintużaw sabiex tinħoloq ordni ta' mertu bejn l-applikazzjonijiet milqugħa. Preferenza tingħata lil:

1. bdiewa *full-time* fuq dawk *part-time*;
2. bdiewa bi produzzjoni ċertifikata bħala organika jew taħt konverżjoni għall-organiku;
3. bdiewa bl-akbar ammont ta' art reġistrata mal-IACS, f'isem l-applikant;
4. persuni li ma humiex jużaw l-pompa tar-riħ għal skopijiet ekonomiċi.

7. Ittra tal-Għotja tal-Offerta

L-applikazzjonijiet se jiġu eżaminati sabiex ikun żgurat li l-informazzjoni mogħtija tilħaq dak kollu rikjest f'din is-sejħa. Meta l-applikazzjoni tkun konfermata li laħqet il-kriterji kollha stabbiliti u tiġi approvata, l-applikant ikun infurmat permezz ta' ittra ta' Għotja tal-Offerta.

Din tkun tikkonferma illi l-applikazzjoni għal din l-għotja hija eliġibbli u li ġiet aċċettata u kif ukoll tagħti stima tal-ammont tal-għotja li tkun se tiġi allokata lill-applikant, ibbażata fuq l-estimi mogħtija fil-formola tal-applikazzjoni. Minkejja dan, l-ammont finali imħallas taħt din l-għotja, ikun ikkalkulat a bażi tal-irċevuti fiskali u d-dokumenti l-oħra sottomessi kif indikat f'Sezzjoni 2.

8. Terminu tal-Egħluq għat-Talba tal-Għotja

L-Offerta għal din l-għotja se tkun valida għal perjodu ta' żmien limitat, hekk kif ikun speċifikat fl-Ittra tal-Għotja tal-Offerta.

L-applikant huwa mistenni li jagħmel ix-xogħolijiet kollha neċessarji kif ukoll jippreżenta t-talba sabiex jingħata l-ispejjeż lura fi żmien erba' (4) xhur minn meta jkun rċieva l-offerta tal-għotja.

Kull offerta tiskadi jekk it-talba sabiex jingħata l-ispejjeż lura (li tinkludi r-riċevuti fiskali) ma tiġix sottomessa sad-data speċifikata fl-ittra tal-offerta.

9. Għotja pagabbli taħt din l-Iskema

L-għotja applikabbli għal kull installazzjoni hija kif jidher hawn taħt:
Massimu ta' 75% tal-ispejjeż tat-tagħmir u/jew xogħol rikjest sabiex tirrendi s-sistema funzjonabbli, għal massimu ta' € 1000.

10. Pagament tal-Għotja

L-għotja tiġi mogħtija permezz ta'ċekk jew trasferiment bankarju.

11. Validità tal-Applikazzjoni

Applikazzjoni tkun ikkunsidrata li ġiet sottomessa biss jekk tkun mimlija u kompluta bil-materjal kollu mitlub, u sakemm tkun mimlija bl-informazzjoni kollha mitluba u akkumpanjata bid-dokumentazzjoni kollha rikjesta.

12. Terminu tal-Iskema

Din l-Iskema se tibqa' fis-seħħ sal-Erbgħa, 30 ta' Ġunju 2010, sakemm ma tiġix modifikata jew terminata qabel din id-data b'Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern, u tista' terġa tiġi mġedda skond kif meħtieġ. L-iskema tista tingħalaq kmieni anke suġġett għall-fondi disponibbli.

13. Emendi għall-Iskema

Il-Gvern għandu dritt li jagħmel kull emenda għal din l-Iskema, bil-pubblikazzjoni tal-istess emendi fil-Gazzetta tal-Gvern.

14. Garanzija u Perjodu tal-Operat

Il-Ministeru għal Għawdex huwa fid-dmir li jassigura illi l-fondi li jamministra jipprovdu ċertu ammont ta' benefiċċji ambjentali fit-tul. Għal din ir-raġuni, waħda mill-kundizzjonijiet tal-għotja huwa li s-sistema restawrata tibqa' installata u funzjonabbli, u ma tistax tiġi modifikata b'tali mod li jikkompromietti l-operat tagħha għal perjodu ta' mill-inqas ħames snin wara li ssir din l-għotja. Hija responsabbilità tal-applikant li jassigura li din il-kundizzjoni tiġi milqugħa. Applikanti li jonqsu milli jonoraw din il-kundizzjoni ikollhom jirrifondu lura l-għajnuna mogħtija lilhom, bl-interessi lil dan il-Ministeru.

FIL-KAŻ LI L-PROPJETÀ TIĠI TRASFERITA LIL TERZI PERSUNI F'DAN IT-TERMINU TA' ŻMIEN, GĦANDU JIĠI ĊĊARAT LI MIN JIEĦU GĦANDU DIK IL-PROPJETÀ, LI JKUN QED JASSUMI R-RESPONSABBILITAJIET KOLLHA MARBUTA MA' DIN L-GĦOTJA. JEKK IKUN HEMM NUQQAS F'DAN IR-RIGWARD, IL-PIŻ TA' DIN IR-RESPONSABBILITÀ JIBQA' FUQ IS-SID ORIĠINALI (L-APPLIKANT).

Qabel il-pagament ta' din l-għotja, il-Ministeru għal Għawdex jista' jagħmel spezzjonijiet neċessarji sabiex ikun sodifatt li x-xogħol ikun sar sew u s-sistema tkun qed tiffunzjona tajjeb. Dawn l-ispezzjonijiet jistgħu isiru minn uffiċjali tal-Ministeru jew terzi persuni kif awtorizzati.

15. Awditjar

Il-Ministeru għandu jkun f'pożizzjoni li jivverifika, jekk ikun hemm il-bżonn, illi xi għotja mħallsa minnu ġiet imħallsa għall-iskop intenzjonat u ġiet applikata fil-mod xieraq. Għal din ir-raġuni, l-applikanti għandhom ikunu ċerti illi huma jkunu konformi maż-żamma ta' *records* u jagħmluha faċli biex isiru spezzjonijiet kif inhu mniżżel fil-paragrafi li ġejjin:

(a) L-applikanti għandhom iżommu *record* ta' kull dokumentazzjoni rilevanti li jkollhom dwar ix-xogħol in kwistjoni, li jinkludu partikolarment l-oriġinal ta' xi kwotazzjonijiet, dokumentazzjonijiet u rċevuti fiskali. Ir-*records* għandhom jinżammu għal mhux inqas minn għaxar (10) snin wara li jkun sar il-pagament. Dawn ir-*records* għandhom ikunu aċċessibbli għall-Ministeru għal Għawdex jekk jintalbu.

(b) Il-Ministeru għal Għawdex jista' jagħmel spezzjonijiet fuq is-sit in kwistjoni f'dawn l-għaxar (10) snin, sabiex jassigura illi s-sistema għadha funzjonabbli u/jew jista' jitlob informazzjoni mingħand l-applikant sabiex jiġi ppruvat li s-sistema għadha funzjonabbli. Jekk ikun rikjest, għal dawk l-għaxar (10) snin wara li tkun saret din l-għotja, uffiċjali tal-Ministeru għal Għawdex jew terzi persuni kif awtorizzati mill-Ministeru, għandu jkollhom aċċess għall-propjetà fejn is-sistema hija installata u jispezzjonaw is-sistema sabiex jivverifikaw illi s-sistema tkun għadha funzjonabbli, kif inhu stipulat fl-għotja.

(c) Jekk ikun rikjest, f'kull ħin, l-applikanti għandhom jipprovdu kull informazzjoni addizzjonali u jagħtu koperazzjoni kif jitlob il-Ministeru, biex jiġi evalwat l-effett ta' din l-iskema u il-ħila ta' din it-teknologija. Il-Ministeru huwa ntitolat li juża din l-informazzjoni fost affarijiet oħra għall-pubblikazzjoni.

16. Reklamar

Il-Ministeru jirriserva kull dritt li juża kull materjal u/jew każijiet li għandhom x'jaqsmu ma' din l-għotja sabiex jippubblika kull informazzjoni li jidhirlu xierqa u neċessarja.

L-ismijiet ta' persuni u l-għotjiet li jkunu talbu u/jew rċevew jistgħu jidhru f'dokumenti pubbliċi uffiċjali.

Persuni eliġibbli huma rikjesti li jwaħħlu avviż, ipprovdut mill-Ministeru għal Għawdex, li juri li l-installazzjoni bbenefikat minn din l-Iskema. Dan l-avviż m'għandux jitneħħa qabel ma' jgħaddi l-perjodu tal-għaxar (10) snin.

17. Protezzjoni tal-Informazzjoni

Waqt li qed jippreżenta l-applikazzjoni u/jew jaċċetta fondi, l-applikant ikun qed jaċċetta awtomatikament li jiġi nkluż fil-pubblikazzjoni (elettronika jew xort'oħra) fil-lista tal-applikanti, l-ammont tal-fondi pubbliċi allokati lilu u kull informazzjoni oħra meqjusa neċessarja.

18. Konformità mal-Leġislazzjoni

L-applikanti għandhom ikunu żguri li meta jkunu jagħmlu xi attività b'konnessjoni ma' din l-installazzjoni u l-użu tat-teknoloġija, huma jew ħaddieħor f'isimhom, josservaw il-liġijiet u regolamenti applikabbli. Din l-għotja hija regolata bil-Liġijiet ta' Malta. Din l-għotja hija wkoll offruta personalment lill-applikant u ma tistax tiġi trasferita. Din l-għotja ma tiffavorixxix l-ebda drittijiet, reali jew mistħajla. Il-Ministeru għal Għawdex ma jitlef ebda dritt li hu għandu taħt dawn it-termini u kundizzjonijiet, jekk ma jeżerċitax dak id-dritt jew idum sabiex jeżerċita l-istess dritt.

19. Obbligazzjoni

Il-Ministeru għal Għawdex ma jistax, u ma jagħtix garanzija jew assigurazzjoni dwar il-ħila tal-ebda teknologija u/jew apparat, u l-applikant għandu jkun żgur illi l-bejjiegħ u/jew l-installatur mqabbad, jagħti kull informazzjoni neċessarja dwar garanziji fuq xogħol jew tagħmir li hu jkun se jipprovdi.

L-4 ta' Ġunju, 2010

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

SKEMA GĦAR-RESTAWR TA' RDIEDEN TAR-RIĦ

Formola ta' Applikazzjoni

Isem u Kunjom tal-Applikant:	

Jekk jogħġbok aqra u imla din l-applikazzjoni. Jekk din l-applikazzjoni ma tiġix mimlija korrettament jew ikollha xi nformazzjoni nieqsa, din l-applikazzjoni tista tiġi rifjutata.

Għall-użu tal-Uffiċċju biss

Il-formola tal-applikazzjoni tiegħek ġiet milqugħa mill-Ministeru għal Għawdex fid-data murija hawn taħt. Dan ma jfissirx li l-applikazzjoni tiegħek hi kompleta u li ġiet aċċettata. Jekk jinstab li hemm xi nformazzjoni jew dokumentazzjoni nieqsa, l-applikazzjoni tiegħek tista' tiġi rifjutata. Din l-irċevuta hija biss evidenza illi l-applikazzjoni tiegħek ġiet ippreżentata.

Timbru	Numru tal-Applikazzjoni	
	Data meta ġiet milqugħa l-applikazzjoni	____-_____ 2010

Skema għar-Restawr ta'
Rdieden tar-Riħ

A. Dettalji tal-Applikant

Isem u Kunjom	
Karta tal-Identità	
Data tat-twelid (ġurnata/xahar/sena)	
Indirizz tad-dar	
Telefon/Numru tat-Telefon Ċellulari	
Email	
Reġistrat bħala Bidwi mal-ETC	☐ **Iva** ☐ **Le**
Impjieg fl-Agrikoltura	☐ **Bidwi Full-time** ☐ **Bidwi *Part-time*** ☐ **Persuna li mhux juża'/tuża r-Raddiena tar-Riħ għal skopijiet ekonomiċi.** ☐ **Oħrajn(speċifika)** _____

Timbru	Numru tal-Applikazzjoni	
	Data meta ġiet milqugħa l-applikazzjoni	____-_____ 2010

B. Dettalji tas-sit fejn hi nstallata din is-sistema

Din is-sezzjoni tirrikjedi informazzjoni dettaljata tas-sit fejn teżisti din is-sistema. Fejn is-sistema hija rreġistrata mal-IACS l-applikant għandu jipprovdi d-dettalji relevanti tal-IACS. F'każi oħra, l-applikant għandu jipprovdi pjanta tal-post. Dettalji addizzjonali huma wkoll rikjesti f'sezzjoni F.

Indirizz tas-Sit: _____
_____

Numru tal-*Parcel* tal-IACS: _____

Pjanta tal-post mehmuża:		Iva		Le

C. Dettalji tekniċi tax-xogħol li għandu jsir

Dettalji tax-xogħol bżonnjuż sabiex din is-sistema terġa' tiġi taħdem.

_____
_____
_____
_____
_____
_____
_____
_____
_____

D. Prezz ikkwotat

Indikazzjoni tal-ispejjeż li mistennija li jiġu mħallsa għal apparat/servizzi neċessarji.

Prezz ikkwotat: €_____

E. Mistoqsijiet dwar l-eliġibilità ghall-Għotja

a. Taħt Miżura 1 - L-applikant huwa sid, jew huwa enfitewta jew kerrej tal-propjetà użata għall-agrikoltura jew għall-agroturiżmu, bl-awtorità kollha neċessarja sabiex japplika għal din l-għotja.	☐ **Iva** ☐ **Le**
b. Taħt Miżura 2 – L-applikant huwa sid il-propjetà jew huwa enfitewta jew kerrej tal-propjetà li mhux qed tintuża għal skopijiet ekonomiċi, bl-awtorità kollha neċessarja sabiex japplika għal din l-għotja	☐ **Iva** ☐ **Le**
ċ. L-applikant huwa resident ta' Għawdex u għandu karta tal-identità skond l-Att tal-Karta tal-Identità.	☐ **Iva** ☐ **Le**
d. Taħt Miżura 1 - L-applikant huwa bidwi rreġistrat u l-art agrikola li fiha hemm il-pompa hija reġistrata mal-IACS.	☐ **Iva** ☐ **Le**
e. Taħt Miżura 2 – L-applikant huwa persuna li ma jużax il-pompa tar-riħ għal skopijiet ekonomiċi	☐ **Iva** ☐ **Le**
f. L-applikant rċieva għotjiet jew sussidji oħra għal din is-sistema minn skemi oħra li jinkludu fondi tal-Gvern ta' Malta jew fondi tal-Unjoni Ewropea.	☐ **Iva** ☐ **Le**
ġ. L-applikant għandu l-permessi neċessarji għal din l-installazzjoni.	☐ **Iva** ☐ **Le**

h. Taħt Miżura 1, l-applikant ser jinstalla dan it-tagħmir fi propjetà li qed tintuża għall-agrikoltura u/jew agroturiżmu, u li mhix tintuża minnu/minnha għal skopijiet ekonomiċi oħra.	☐ **Iva** ☐ **Le**
i. Taħt Miżura 2, l-applikant ser jinstalla dan it-tagħmir fi propjetà li mhix qed tintuża minnu/minnha għal skopijiet ekonomiċi.	☐ **Iva** ☐ **Le**

F. Lista ta' dokumentazzjoni li għandhom jiġu mehmuża mal-applikazzjoni.
(Jekk jogħġbok, fil-kaxxi niżżel in-numru ta' paġni inklużi ma' din l-applikazzjoni)

(a) Fotokopja tal-karta tal-Identità tal-Applikant ☐

(b) Kwotazzjonijiet għax-xogħol jew tagħmir rikjest li jinkludi dettalji relevanti ☐

(c) Ritratti tas-sistema fiż-żmien meta l-applikazzjoni ġiet ippreżentata ☐

(d) Ċertifikat tal-IACS (jekk applikabbli) ☐

(e) Pjanta tal-post (jekk applikabbli) ☐

G. **Dikjarazzjoni**

Din id-dikjarazzjoni għandha tiġi ffirmata mill-persuna li l-isem tagħha jidher fuq quddiem ta' din l-applikazzjoni.

Jiena, li qed niffirma hawn taħt, niċċertifika u nobbliga ruħi li:

(a) Qrajt u fhimt il-linji gwida għal din l-applikazzjoni;

(b) L-informazzjoni mogħtija f'din l-applikazzjoni hija vera u korretta;

(c) Nippermetti lill-Awdituri mqabbda mill-Ministeru għal Għawdex jagħmlu spezzjonijiet fis-sit in kwistjoni u li nipprovdi kull informazzjoni rikjesta;

(d) Naċċetta din l-infomazzjoni fuq il-formola tal-applikazzjoni li tinkludi ismi kif ukoll l-għajnuna ta' investiment eliġibbli li tkun tidher fid-dokumenti; tista' tidher f'dokumenti u *media* tal-Ministeru għal Għawdex, li jinkludu s-siti elettroniċi tal-Ministeru, kollha jew parti minnhom, u fl-istadji li tkun qed tiġi proċessata l-applikazzjoni;

(e) Din l-applikazzjoni tissodisfa l-kriterji tal-eliġibbilità kollha mogħtija fil-linji gwida.

_____	_____	_____
Isem tal-Applikant	Firma	Data
_____	_____	_____
Isem tal-Applikant	Firma	Data

AGRICULTURE STATE AID DECLARATION *(DE MINIMIS)*

------ Insert Title of Scheme ------

If the submitted application is approved, the project will benefit from *de minimis* State aid in line with *Commission Regulation (EC) No. 1535/2007 of 20 December 2007 on the application of Articles 87 and 88 of the EC Treaty to de minimis aid in the sector of agricultural production*.

Commission Regulation (EC) No. 1535/2007 allows an undertaking in the agricultural production sector to receive a total amount of up to € 7,500 of *de minimis* aid over a period of three fiscal years. This maximum threshold would include all State aid under this scheme and any other State aid measure granted under the *de minimis* rule. Any *de minimis* aid received in excess of the established threshold will have to be recuperated, with interest, from the undertaking receiving the aid.

The following is an indicative list of the possible forms of State aid:

- Grants from public bodies
- Loans or loan guarantees at favourable rates
- Tax benefits
- Waiving or deferral of fees or interest normally due
- Marketing and advertising assistance
- Consultancy, training and other support provided either free or at a reduced rate
- Aid for investment in environmental projects or research and development assistance
- Purchase, rent or lease of immovable property at less than market rate.

Potentially any assistance from a public body may constitute State aid. Should you have any doubts on this matter, contact the agency or department from which the assistance was received.

DECLARATION

I declare that a comprehensive amount of *de minimis* aid received to date over the last three fiscal years is:

Fiscal Year 2008	Fiscal Year 2009	Fiscal Year 2010	TOTAL in €
€	€	€	€

A breakdown of the source, type and amount of *de minimis* aid received is presented overleaf.

_____ _____

Business Undertaking (Full Legal Name) VAT Registration Number

_____ _____

Name and Surname (BLOCK CAPITALS) Position in Establishment

_____ _____

Signature Date

DETAILED INFORMATION CONCERNING APPLICABLE STATE AID UNDER THE *DE MINIMIS* RULE

(Note: Information should include both State aid received as well as applications for de minimis State aid still pending approval by potential grantors)

Date	**Source/Grantor**	**Type of State Aid**	**Amount in €**
Eg: 12/01/2008	*Central Government- Scheme*	*Cash Grant*	*500*

MINISTRY FOR GOZO

Scheme for the Restoration of Wind-Powered Water Pumps

1. Introduction and Rationale

The Ministry for Gozo, as the competent Ministry for the administration of the island, has been entrusted with the implementation of the Eco-Island vision for Gozo. This vision is based on the target of achieving high sustainable development standards for the island, while ensuring that Gozo's tangible and intangible heritage is protected and is made to play a significant role in the island's social, economic, environmental and cultural development.

One such manner in which this may be achieved is the active promotion and valorization of traditional sustainable practices. The application of wind-powered water pumps in agricultural tenements is one such example.

This aid scheme is intended to valorize this practical and traditional application of renewable energy utilization and promote it as a traditional sustainable application which is still valid. The scheme is intended to subsidise the re-instatement of existing wind-powered water pumps present on agricultural tenements in Gozo. The scheme is subdivided in two measures namely:

Measure 1 – The reinstatement of existing wind-powered water pumps on agricultural tenements operated by an entity engaged in full time or part time farming or in agro-tourism;

Measure 2 – The reinstatement of existing wind-powered water pumps on land which is not used for any economic activity.

Interpretation

In this Scheme, unless the context otherwise requires:
'applicant' means any person, who is a resident of GOZO and is 18 years of age or over on the day of application and has made an application for a grant in terms of this Scheme;
'Ministry' means the Ministry for Gozo;
'wind pump' refers to the traditional wind-powered water pumps
'date of purchase' means the date on the last fiscal receipt relating to the purchase;
'duration of the scheme' means the period between, and including, the effective date and the termination date.
'effective date' means the 5th June 2010;
'fiscal receipt' means a receipt as defined in the Thirteenth Schedule of the Value Added Tax Act, (Chap 406) - and also includes any regulation made by the same Act;
'Gozo' means the islands of Gozo and Comino;
'technology' or 'technologies', 'system', 'equipment' or 'installation' refer to parts of the wind-powered water pumps which are to be installed to enable the already-existing wind-powered water pumps to become functional again;
'owner' includes 'joint ownership', 'emphyteuta' includes 'joint-emphyteuta' and 'tenant' includes 'joint-tenant', and 'emphyteuta' includes 'sub-emphyteuta' and 'tenant' includes 'sub-tenant';
'termination date' shall mean termination date as established by Government notice;
'date of order' means the date on the invoice or of the first fiscal receipt, whichever is earlier;
'agro-tourism' means operations primarily of an agricultural nature.

In the case of conflict in the interpretation of the Maltese and English versions of these regulations, the interpretation offered by the Ministry for Gozo will be final.

2. Applicability

This Scheme applies to expenditure supported by fiscal receipts and other documents, e.g., commercial invoices, denoting that such outlay was incurred on eligible services/products, that is incurred on the re-instatement of existing

wind-powered water pumps in agricultural tenements, for agricultural use and installed in Gozo, and for which an application has been made for the duration of this Aid Scheme. Aid is only payable for:

(a) installations dedicated to agricultural and/or agro-tourism use, or
(b) installations on land not used for any economic activity.

3. Eligible Applicants

To be eligible an applicant must:
- under Measure 1, be the owner or an emphyteuta or a tenant of the property, used for agricultural or agro-tourism purposes, with all the necessary authority to apply for the grant.
- under Measure 2, be the owner or an emphyteuta or a tenant of the property not used for economic activity, with all the necessary authority to apply for the grant.

- Be a resident of Gozo and have an ID card as per the Identity Card Act.

- under Measure 1, be a registered farmer, and the agricultural land on which the system is located should be registered under IACS
- under Measure 2, be a person who is not using the wind powered water pump for any economic activity;

- not have obtained any other grants or subsidies for this system from any other schemes that include Government of Malta funds or EU funds. Any investment aid for that particular system must be solely that given by the scheme managed by the Ministry for Gozo. Applicants may qualify for not more than one rebate per system.
- have obtained any necessary permits for the installation.

- under Measure 1, have installed the equipment in a property which is for agricultural and/or agro-tourism use and is not used by him to carry out any other economic activity.
- under Measure 2, have installed the equipment on land which is not used for economic activity.

- allow Ministry Auditors to perform on site inspection of the equipment installed, and provide all information requested.
- accept that data on the application form, including his name together with the eligible investment aid may appear on public documents including the Ministry websites, in whole or in part, and in stages of processing the application.

The Ministry also reserves the right to refuse an application and take legal action to recover any amount granted with interest and any other costs incurred, in case of:
• incorrect information being stated by the applicant in this application;
• some conditions of the scheme not being met or;
• any other grant for the same equipment having been already given;
• other reasons where the 'bona fide' intention of the applicant is manifestly missing.

4. Eligible expenditure

The expenditure to be reported is in respect of the actions necessary for the re-instatement of wind-powered water pumps. The respective proof of payment would be the fiscal receipt, and other documents as indicated in Section 2, issued according to law. Payments that are not accompanied with a fiscal receipt are not eligible.

The eligible costs are:
- Cost of equipment and/or parts.
- Cost of labour required on the system for its reinstatement.

Any other costs related to the use of the wind pumps, such as maintenance costs on reservoirs, water distribution systems and other related actions/materials is considered ineligible for the scope of this scheme.

5. Manner of application and supporting documents

(i) Applications under this Scheme shall be made by the applicant on the form, set out in the Annex to this document and shall contain all the information, details and documents as required in the said form and in terms of this Scheme.

(ii) Applications shall be accompanied by the documents listed in the application form.
(iv) Only those applications that are found to conform to all the provisions of this Scheme shall be eligible for payment of the grant.
(v) Applications under this Scheme, including the documents that are to be submitted with the application, shall be submitted at Government Experimental Farm, Department for Projects & Development, Mġarr Road, Xewkija, Gozo, by not later than Wednesday, 30 June 2010 at 1.30pm. (The telephone number at this office is 21552818).

6. Assessment of applications and order of merit

Applications will be assessed by a Selection Committee appointed by the Ministry for Gozo.

In the case that applications exceed the financial allocation for this call, the following criteria will be used to create an order of merit between applicants, and preference will be given to:

1. full-time over part-time farmers
2. farmers with production certified as organic or under conversion
3. farmers whose holding as registered under IACS is the largest
4. persons who are not using the land for any economic activity.

7. Grant offer Letter

Applications will be assessed to make sure all the information supplied meets the grant requirements.
Once an application is confirmed to meet all the criteria and is approved, the applicant will be informed by means of a Grant Offer Letter.

This will confirm that the application for the grant is eligible and has been accepted and will give an estimation of the grant amount that has been allocated to the applicant based on the estimates given in the application form. The final amount paid out under this grant will however be calculated on the basis of the submitted fiscal receipts and other documents as indicated in Section 2.

8. Grant Claim Deadline

Grant offers shall be valid for a limited time period as specified in the Grant offer letter.

The applicant is expected to carry out all works and submit the request for reimbursement of expenses within 4 months of the receipt of the grant offer.

All grants shall expire if the request for reimbursement (including fiscal receipts) is not submitted by the date specified in the letter of offer.

9. Grant payable under this Scheme

The applicable grant is as follows, for every installation:
A maximum of 75% of the cost of equipment and/or labour required to render the system operational, capped at a maximum of EUR 1000.

10. Payment of Grant

The grant shall be paid by cheque or bank transfer.

11. Validity of application

An application shall not be deemed to have been submitted unless it is full and complete in all material respects and unless it contains all the information and is accompanied by all the documentation requested therein.

12. Duration of the Scheme

This Scheme shall remain in force until the 30th June 2010, unless modified/terminated beforehand by a Notice in the Government Gazette, and may be renewed as deemed necessary. Early termination may occur, subject to availability of funds.

13. Amendments to the Scheme

Government shall have the right to make any amendments to this Scheme by the publication of the said amendments in the Gazette.

14. Guarantee and Period of operation

The Council reserves the right to refuse any offer, including the most advantageous one.

4th June, 2010

KUNSILL LOKALI NADUR

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, il-5 ta' Lulju 2010, fil-kaxxa tal-offerti fil-Kunsill Lokali Nadur, Triq it-Tramuntana, Nadur NDR 1222, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. NLC 05/2010. Titjib ta' sqaq fi Triq Dun Bernard Haber.

Għandu jitħallas dritt ta' €50 għal kull dokument tal-offerta.

Dokumenti tal-offerta jistgħu jinkisbu matul il-ħinijiet tal-uffiċċju mill-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali Nadur.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta anke l-aktar offerta vantaġġuża.

L-4 ta' Ġunju, 2010

NADUR LOCAL COUNCIL

The Nadur Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received in the tender box at the Nadur Local Council, Triq it-Tramuntana, Nadur NDR 1222 up to noon of Monday, 5th July 2010, for:-

Advt. No. NLC 05/2010. Upgrading of alley in Triq Dun Bernard Haber.

A fee of €50 will be charged for each tender document.

Tender documents are obtainable from the Nadur Local Council Office during office hours.

The Council reserves the right to refuse any offer, including the most advantageous one.

4th June, 2010

KUNSILL LOKALI TA' SANNAT

Il-Kunsill Lokali Ta' Sannat jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-2 ta' Lulju, 2010, fl-uffiċċju tal-Kunsill, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż. Nru. 02/2010. Tindif ta' toroq urbani.

Avviż. Nru. 03/2010. Tindif u manutenzjoni tal-latrina pubblika fi Triq Sannat.

Id-dokumenti tal-offerta jistgħu jinkisbu mill-uffiċċju tal-Kunsill mit-Tnejn sal-Ġimgħa waqt il-ħinijiet tal-uffiċċju għal ħlas ta' €25 għal kull dokument.

L-offerti jinfetħu fil-pubbliku fil-ħin u d-data tal-għeluq.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

L-4 ta' Ġunju, 2010

TA' SANNAT LOCAL COUNCIL

Ta' Sannat Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Council's office up to noon of Friday, 2nd July, 2010, for:-

Advt. No. 02/2010. Urban street cleaning services.

Advt. No. 03/2010. Cleaning and maintenance of public convenience in Triq Sannat.

Tender documents may be collected from the Council's office from Monday to Friday during office hours against a payment of €25 for each document.

Tenders will be opened in public on the time and closing date.

The Council reserves the right to refuse all tenders, even the most advantageous.

4th June, 2010

KUNSILL LOKALI TA' SANNAT

Il-Kunsill Lokali Ta' Sannat jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-2 ta' Lulju, 2010, fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Kwot. Nru. 08/2010. Provvista ta' *photocopier*.

Aktar dettalji jistgħu jinkisbu mingħand is-Segretarju Eżekuttiv fuq in-numru tat-telefon tal-Kunsill Lokali 21554747.

L-4 ta' Ġunju, 2010

SANNAT LOCAL COUNCIL

The Sannat Local Council notifies that:-

Sealed quotations will be received at the Council's administrative office up to noon of Friday, 2nd July, 2010, for:-

Quot. No. 08/2010. Provision of photocopier.

Further details may be obtained from the Executive Secretary on the Local Council's Telephone number 21554747.

4th June, 2010

AVVIŻI TAL-QORTI - *COURT NOTICES*

994

B'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, fil-21 ta' Mejju 2010 fl-atti tal-kawża Ċitazzjoni numru 74/2009, fl-ismijiet "Victoria Tabone pro et noe vs Alphonse Calleja" ġie ordnat il-Bejgħ bil-Liċitazzjoni u għal dan il-għan ġie ffissat il-jum tal-Erbgħa, 7 ta' Lulju 2010 fl-10am u sakemm tiġi aggudikata l-ogħla offerta pubblika liema bejgħ għandu jsir fl-edifizzju tal-Qorti ta' Għawdex, Misraħ il-Katidral, Victoria, Għawdex, tal-fond hawn taħt deskritt:

By a judgment delivered by the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, on the 21st May 2010 in the records of writ-of-summons number 74/2009 in re "Victoria Tabone pro et noe vs Alphonse Calleja," the SALE BY LICITATION has been ordered, and the day of Wednesday 7th July 2010 at 10am and until the highest public bid has been adjudicated, has been scheduled for this sale, to be held at the Gozo Court's edifice in Cathedral Square, Victoria, Gozo, of the following property:

Fond numru 83, Triq ta' Gokk, Xewkija, Għawdex, mibni fuq plot numru tieta u tmenin (83) minn art imsejħa ta' Gokk fi Triq ta' Gokk, konfinanti mix-Xlokk ma' triq, Majjistral u Grigal ma' beni tal-Awtorità tad-djar jew suċċessuri tagħha fit-titolu. Il-valutazzjoni tal-fond hi ta' mitejn u tlieta u tletin elf ewro (€233,000), u dan skont kif ftiehmu l-partijiet.

Il-bejgħ hu miftuħ għall-offerti mill-barranin.

Hu fl-interess ta' kull min beħsiebu joffri li qabel jara l-ordni li tat il-Qorti fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Mejju elfejn u għaxra (2010) fl-atti tal-kawża fl-ismijiet "Victoria Tabone pro et noe vs Alphonse Calleja," (Citaz. numru 74/2009) u kopja ta' liema tinsab fl-atti tal-bejgħ b'liċitazzjoni.

L-imsemmi fond jappartjeni lill-eredi tal-mejtin Joseph u Mary konjugi Axiak.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali,

Illum 31 ta' Mejju 2010.

JACLYN MAGRIN
Għar-Reġistratur
Qrati u Tribunali (Għawdex)

Tenement number 83, Triq ta' Gokk, Xewkija, Gozo, built on plot number eight three (83) of the area known as ta' Gokk, in Triq ta' Gokk, bounded on the south-east by a street, and on the north-east and north-west with property pertaining to the Housing Authority or its successors in title. This tenement is being valued, as mutually agreed by the parties themselves, at two hundred and thirty three thousand Euros (€233,000).

The judicial sale is open to bids by the public.

It is in the interest of prospective bidders to take cognizance of the order given by this Court on the twenty-first (21st) May two thousand and ten (2010) in the records of writ of summons number 74/2009, in re "Victoria Tabone pro et noe vs Alphonse Calleja," a copy of which is also filed in the records of this judicial sale by auction.

The said tenement is the property of the heirs of the deceased Joseph and Mary spouses Axiak.

Registry of the Courts of Magistrate (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section,

This 31st May 2010.

JACLYN MAGRIN
For the Registrar
Gozo Courts And Tribunals

995

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar tad-29 ta' April 2010, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Go p.l.c. (C22334) ta' Telgħet Spencer, il-Marsa, MRS 1950, ippreżentaw Talba fl-10 ta' Marzu 2010, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Bryan William Harman (K.I. 43790A) ta' 550, North, Flat 10, Triq is-Sajjied, San Pawl il-Baħar, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €394.89 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (Talba Numru 392/10ISB) hija differita għas-16 ta' Ġunju 2010 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 1 ta' Ġunju 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of 29th April 2010, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Go p.l.c. (C22334) of Spencer Hill, Marsa, MRS1950, filed a Claim on the 10th March 2010 whereby they asked the Tribunal to condemn Bryan William Harman (I.D. 43790A) of 550, North, Flat 10, Triq is-Sajjied, San Pawl il-Baħar, to pay the plaintiff company the sum of €394.89 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 392/10ISB) is put off on the 16th June 2010 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 1st June 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

996

Permezz ta' digriet mogħti fl-10 ta' Marżu 2010, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4143/09, fl-ismijiet Kummissarju tal-Artijiet vs Mario J Demicoli, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Mario J Demicoli ta' 15, Summer Flat 7, Triq is-Sibbien, M'Scala, fit-12 ta' Awwissu 2009, il-Kummissarju tal-Artijiet ta' Auberge De Baviere, Triq San Bastjan, Valletta, qiegħed jinterpellak sabiex fi żmien gimgħa mid-data tan-notifika ta' dan l-att inti tħallas is-somma ta' €1214.37, dovuta minnek bħala kumpens għall-okkupazzjoni tal-fond 39, Flat 21, Okella Agius, Triq Ħal Qormi, Marsa mill-1 ta' Mejju 2005 sas-27 ta' Settembru 2007.

Fin-nuqqas li tagħmel kif fuq imsejjaħ fiż-żmien lilek mogħti ser jipproċedu kontra tiegħek skont il-liġi biex jiġu salvagwardati l-interessi tad-dipartiment.

Tant biex tagħraf timxi u biex jiġu evitati spejjeż inutili.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta)

Illum 31 ta' Mejju 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree on the 10th March 2010, in the records of the judicial letter number 4143/09, in the names Commissioner of Lands vs Mario J Demicoli, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Mario J Demicoli of 15, Summer, Flat 7, Triq is-Sibbien, M'Scala, on the 12th August 2009, the Commisssioner of Lands of Auberge de Baviere, Triq San Bastjan, Valletta, calls upon you so that within one week from the service of this letter you pay the sum of €1214.37 due by you as compensation for occupying the premises 39, Flat 21, Okella Agius, Triq Ħal Qormi, Marsa from the 1st May 2005 till the 27th September 2007.

In default of doing what you are called to do in the time given, we shall proceed against you according to law to safeguard the interests of the department.

So much so that you may know how to regulate yourselves and avoid furthur costs.

With costs and legal interests.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta)

Today 31st May 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

997

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM'AWLA fl-1 ta' Ġunju 2010 fuq rikors ta' MALTA ENTERPRISE CORP ġie ffissat il-jum tal-Erbgħa, 7 ta' Lulju, 2010 fl-10.00 a.m. għall-BEJGĦ BL-IRKANT li għandu jsir f'18, BOLOGNA CENTRE, MOSTA TECHNOPARK, MOSTA tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand MEDITERRANEAN BROADCASTING EQUIPMENT LTD.

Vettura Opel Calabria, grinders, pipes, cutters, lifters, conference table, xkaffar u ħafna affarijiet oħra.

L-imsemmija oġġetti jinbiegħu bħalma ġew deskritti fl-atti tas-subbasta numru 75/2009.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-1 ta' Ġunju 2010.

DOTT. NADYA FIOTT
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on the 1st of June 2010 on the application of MALTA ENTERPRISE CORP, Wednesday 7th July 2010 at 10.00 a.m. has been fixed for the SALE BY AUCTION to be held at 18, BOLOGNA CENTRE, MOSTA TECHNOPARK, MOSTA of the following items seized from the property of MEDITERRANEAN BROADCASTING EQUIPMENT LTD.

Vehicle Opel Calabria, grinders, pipes, cutters, lifters, conference table, shelving and other items.

The said objects will be sold as described in the acts of the judicial sale by auction number 75/2009.

Registry of the Superior Courts, this 1st of June 2010.

DR NADYA FIOTT
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

B'digriet mogħti fis-7 ta' Mejju 2010, fl-atti tar-Rikors 53/07 FS, il-Qorti tal-Appell, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati IRISL (Malta) Limited, a tenur tal-Artikolu 187(3) et. tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Appell, Rikors Numru 53/07 FS, Deċiża 5/03/2010, fl-ismijiet Atlas Insurance PCC Limited (C 5601) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata tagħha Magro Brothers (Foods) Limited abbażi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-liġi vs IrisL (Malta) Limited, fil-kwalità tagħha ta' aġent tal-bastiment Iran Alam (Iran Ilam skont kif korrett b'digriet tas-17 ta' Frar 2010) u in rappreżentanza tal-istess, u lil Malta Freeport Terminals Limited, fil-25 ta' Marzu 2010, is-soċjetà rikorrenti, esponiet bir-rispett:

Illi s-soċjetà attriċi appellata ppreżentat rikors maħluf, fis-16 ta' Jannar 2007 li fih wara illi ppremettiet illi hija assiguratriċi tas-soċjetà Magro Brothers (Foods) Limited, u li seħħ inċident ta' ħruq fis-26 jew 27 ta' April 2006, u li fih ġiet danneġġata merce tal-istess soċjetà assigurata.

…omissis....

Illi permezz ta' sentenza tal-5 ta' Marzu 2010, mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet fuq premessi s-soċjetà esponenti, ġiet iddikjarata unikament responsabbli għal inċident de quo u għalhekk ġiet ikkundannata tħallas lis-soċjetà attriċi appellata, is-somma ta' (€15,020.89) oltre l-ispejjeż ġudizzjarji u l-imgħaxijiet mid-data tas-sentenza.

Illi s-soċjetà esponenti ħasset ruħha aggravata b'din is-sentenza u qiegħda għalhekk tinterponi umli Appell;

Illi l-fatti tal-każ jistgħu jinġabru sommarjament b'dan il-mod.

...omissis…

Illi l-aggravji huma ċari u manifesti.

A. In-nuqqas ta' ħtija da parti tal-Appellanti.

Is-soċjetà appellanti tissottometti bħala l-ewwel aggravju tagħha l-fatt illi hi ma taħtix għall-inċident illi seħħ, stante illi din ma naqqset bl-ebda mod fl-obbligi tagħha u ma kkontribwiet bl-ebda mod għall-istess inċident.

L-Ewwel Qorti għalhekk kienet żbaljata fl-apprezzament tal-provi prodotti quddiema meta kkonkludiet illi s-soċjetà appellanti, kienet unikament responsabbli għall-inċident.

By means of a decree given on the 7th May 2010, in the records of the Application 53/07 FS, the Court of Appeal, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent IRISL (Malta) Limited, in terms of Article 187(3) et. of Cap. 12.

By means of an Application filed in the Court of Appeal, Application Number 53/07 FS, Decided 5/03/2010, in the names Atlas Insurance PCC Limited (C 5601) as subrogated in the rights of its insured Magro Brothers (Foods) Limited on the basis of the insurance policy and at law vs IrisL (Malta) Limited, in its capacity of agent of the vessel Iran Alam (Iran Ilam as corrected by a decree of the 17th February 2010) in representation of the same and to Malta Freeport Terminals Limited, on the 25th March 2010, the applicant company pleaded with respect:

That the respondent plaintiff company filed a sworn application, on the 16th January 2007, whereby after it premised that it is the insurer of the company Magro Brothers (Foods) Limited and a fire incident occurred on the 26 or 27th April 2006, and in which the merchandise of the same insured company was damaged.

...omissis...

That by means of a judgement of the 5th March 2010, given the First Hall Civil Court, in the names above premised the appellant company, was declared solely responsible for the incident de quo and thus was condemned to pay the plaintiff company the sum of (€15,020.89) besides judicial expenses and interest from the date of the judgement.

That the appellant company felt aggrieved by this judgement and is thus humbly filing an Appeal;

That the facts of the case can be summarily drawn up as follows.

...omissis...

That the grievances are clear and manifest.

A. The lack of guilt on the part of the Appellants.

The appellant company submits as its first grievance, the fact that it is not to blame for the incident which occurred, since that it never failed in its obligations and it did not contribute in any manner towards the same accident.

The Court of First Instance, was thus mistaken in the appreciation of the proof brought forward when it concluded that the appellant company, was solely responsible for the accident.

…omissis...

Mill-kunsiderazzjonijiet mogħtija fis-sentenza tagħha, jidher illi l-Ewwel Qorti kkonkludiet illi s-soċjetà appellanti, kienet taħti unikament għall-inċident għaliex kellha l-obbligu li tieħu ħsieb l-oġġetti bħala bonus paterfamilias, kellha l-obbligu li tissorvelja li ma jerġax ikun hemm nar fuq l-istess containers speċjalment meta kienet ġa taf li kien hemm ħruq preċedenti, kellha l-obbligu li tqiegħed dawn il-contaniers b'mod li jekk ikun hemm ħruq fuq wieħed, dan ma jilħaqx il-containers l-oħra ...(omissis) li l-container li ħa n-nar preċedentement kellu prodott kombustibbli u kien container 'open top'.

Bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Qorti, dawn il-konklużjonijiet ma jirriżultawx u ma jsibux konfort fil-provi prodotti quddiema. Jibda billi jingħad illi ma resqet l-ebda prova, illi s-soċjetajiet appellanti ttraskuraw jew ħallew il-containers in kwistjoni b'mod malandat jew f'xi post abbandunat jew li naqqsu minn dmirijiethom qua bonus paterfamilias.

...omissis....

Rigward il-bqija tal-konklużjonijiet tal-Ewwel Qorti, ossija illi l-appellanti missa ssorveljat u qagħdet atttenta li ma jerġax ikun hemm nar fuq l-istess container speċjalment in vista tal-ewwel inċident li kien seħħ abbord u li żżomm l-istess containers imbegħdin minn xulxin, is-soċjetà appellanti tirribadixxi illi hi ma tista' qatt tkun taf x' jikkontjenu t-tliet miljun container illi jgħaddu minn idejha kull sena.

...omissis...

Is-soċjetà appellanti ma setgħet qatt tipprevedi jew remotament tissusspetta illi kien ser iseħħ 'freak incident' bħal dak odjern, u ma kien hemm l-ebda senjalazzjoni jew indikazzjoni illi kellha taġixxi b' xi mod ieħor minn kif fil-fatt aġixxiet.

...omissis...

B. In-nuqqas ta' prova dwar meta seħħew id-Danni.

Bħala t-tieni aggravju tagħha s-soċjetà appellanti, tirrileva illi għalkemm ġie stabbilit u aċċettat mill-partijiet kollha illi kien hemm żewġ okkażjonijiet meta l-container TEXU 1005330 ħa n-nar, ossija abbord il-vapur M.V. Iran Illam, u meta sussegwentement ġie skarikat lura fil-Freeport, l-Ewwel Qorti kkonkludiet awtomatikament illi l-ħsara fil-merce assigurata, mis-soċjetà attriċi appellata, oriġinat interament fit-tieni inċident.

Jidher illi l-Ewwel Qorti waslet għal dina l-konklużjoni gratwitament u mingħajr ma kien hemm l-iċken prova illi

...omissis...

From the considerations given in its judgement, it appears that the Court of First Instance, concluded that the appellant company, was solely to blame for the incident because it had 'the duty to take care of the merchandise as a bonus paterfamilias, it had the duty to see that there shall not occurr once again a fire on the same containers, especially when it already knew, that there was a preceeding fire, it had the obligation to lay these containers in such a manner that it there is a fire on one, this, shall not reach, the other containers ...(omissis) that the container which preceedingly took fire had a combustible product and was a container 'open top'.

With all respect towards the Court of First Instance, these conclusions do not result and do not find support in the proof brought before it. In the first place it is to be stated that no proof was brought forward that the appellant companies, neglected or left the containers, in question in a bad condition or abandoned place ot that they failed in their duties as a bonus paterfamilias.

...omissis…

Regarding the rest of the conclusions of the Court of First Instance, or rather that the appellants, should have supervised or paid attention that there should not be another fire on the same container especially in view of the first incident which occurred on board and to hold the same containers apart from one another, the appellant company, rebutts that it can never know what the three million containers, which it handles each year contain.

...omissis....

The appellant company could never forecast or remotely suspect, that a 'freak incident' was going to occur like the present one, and there was no sign or indication that it had to act in another manner, than it acted.

...omissis...

B. The lack of proof when the Damages occurred.

As its second grievance the appellant company points out, that although it was established and accepted by all the parties that there were two occasions when the container TEXU 1005330, caught fire, aboard the vessel M.V. Iran Illam, and when subsequently it was discharged at the Freeport, the Court of First Instance, concluded awtomatically, that the damage to the merchandise insured, by the appellant respondent company, originated entirely in the second incident.

It appears that the Court of First Instance, arrived at this conclusion gratuitously and without there being the slightest

d-danni u l-ħsarat seħħew interament u esklussivament fit-tieni nar;

...omissis...

Cio nonostante l-Ewwel Qorti, għażlet illi tgħabbi r-responsabbiltà kollha għad-danni li rriżultaw wara t-tieni nar ...omissis... interament fuq is-soċjetà appellanti, minkejja n-nuqqas ta' prova dwar (1) min kien jaħti eżattament għannirien fiż-żewġ okkażjonijiet u (2) jekk id-danni oriġinawx mill-ewwel jew mit-tieni inċident.

Ċ. L-Element ta' Casus.

Is-soċjetà appellanti, tissottometti bħala t-tielet aggravju tagħha illi mill-provi prodotti, jirriżulta ampjament illi d-danni reklamati mis-soċjetà attriċi appellata, joriġinaw minn inċident illi seħħ b'casus, ossija mingħajr ma kien hemm il-ħtija ta' xi parti jew oħra, iżda purament minħabba forza jew element illi ħadd ma kellu kontroll fuqu.

L-appellanti tissottometti illi kruċjalment, l-oriġini tannirien fil-Container TEXU 1005330 meta dan kienu fil-hinterland tal-Freeport ma ġiex stabbilit.

Fiċ-cirkostanzi japplika l-Art. 1029 tal-Kap. 16, illi jistipola illi 'kull ħsara illi tiġri b'aċċident jew b'forza maġġuri jbatiha... dak illi fuq il-persuna jew il-beni tiegħu tiġri l-ħsara'.

...omissis...

Għaldaqstant u għar-ragunijiet suesposti, is-soċjetà appellanti, titlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti, sabiex tirrevoka u tħassar is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, mogħtija fl-ismijiet fuq premessi, fil-5 tal-Marzu 2010, u tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad it-talbiet attriċi, fl-intier tagħhom fil-konfront tagħha, filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjoniet kollha tas-soċjetà appellanti; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi, kontra s-soċjetà attriċi appellata.

Soċjetà Appellanti : Malta Freeport Centre,
Port ta' Kalafrana,
Birżebbuġa.

Notifiki: 1) ...omissis…

2) IRISL (Malta) Limited
143, Flat 1,
Tower Road,
Sliema, SLM 1604.

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli) 1 ta' Ġunju 2010.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

proof that the damages occurred entirely and exclusively during the second fire;

…omissis...

Notwithstanding the Court of First Instance chose to burden all the responsibility for the damages which occurred after the second fire ...omissis... entirely on the appellant company, despite of the lack of proof regarding (1) who was exactly to blame for the fire in both occassions and (2) whether the damages originated from the first or second accident.

C. The Element of Accident.

The appellant company, submits as its third grievance, that from the proof produced, it amply results that the damages claimed by the respondent plaintiff company,originated from an accident which occurred by accident or rather without the fault of one party or another, but simply due to force or an element on which nobody had control.

The appellants, submit that crucially, the origin of the fire in the Container TEXU 1005330, when this was in the hinterland of the Freeport was not established.

In the circumstances there applies Art.1029 of Cap. 16, that stipulates that 'all the damage which occurs by accident or by force majeure shall be borne.. by that person who shall be injured or whose goods damaged'.

...omissis…

Thus and for the reasons above brought forward, the appellant company, humbly submits this Honourable Court, to revoke and cancel the judgement of the First Hall Civil Court, given in the names above premised of the 5th March 2010, and decide the cause by rejecting the claims of the plaintiff in its entirety, in its regard, whilst upholding all the pleas of the appellant company, with costs of both instances, against the respondent plaintiff company.

Appellant Company: Malta Freeport Centre,
Port ta' Kalafrana,
Birżebbuġa.

Services: 1) ...omissis...

2) IRISL (Malta) Limited
143, Flat 1,
Tower Road,
Sliema, SLM 1604.

Registry of the Superior Courts (Appeals) 1st June 2010.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

999

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tad-19 ta' Mejju 2010, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Go p.l.c. (C22334) ta' Telgħet Spencer, Marsa, MRS 1950, ippreżentaw Talba fl-24 ta' Marzu 2010, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Vincienne Spiteri (K.I. 481689M) ta' 55, Sunara, Flat 2, Blk A, Triq is-Sliem, Marsaskala, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €317.56 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (Talba Numru 439/10MK) hija differita għall-24 ta' Ġunju 2010 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 1 ta' Ġunju 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of 19th May 2010, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Go p.l.c. (C22334) of Spencer Hill, Marsa, MRS1950, filed a Claim on the 24th March 2010 whereby they asked the Tribunal to condemn Vincienne Spiteri (I.D. 481689M) of 55, Sunara Flat 2, Blk A, Triq is-Sliem, Marsaskala, to pay the plaintiff company the sum of €317.56 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 439/10MK) is put off on the 24th June 2010 at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 1st June 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1000

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-21 ta' April 2010, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) ta' Fra Diego Street, il-Marsa, ippreżentaw Talba fl-4 ta' Frar 2010, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Ian Zammit (K.I. 5387M) ta' 5, Flat 3, Triq Spur, Valletta, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €835.23 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (Talba Numru 182/10VGD) hija differita għat-18 ta' Ġunju 2010 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 2 ta' Ġunju 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 21st April 2010, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) of Fra Diego Street, Marsa filed a Claim on the 4th February 2010 whereby they asked the Tribunal to condemn Ian Zammit (I.D. 5387M) of 5, Flat 3, Triq Spur, Valletta, to pay the plaintiff company the sum of €835.23 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 182/10VGD) is put off on the 18th June 2010 at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 2nd June 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1001

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-21 ta' April 2010, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) ta' Fra Diego Street, Marsa, ippreżentaw Talba fl-4 ta' Frar 2010, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Josef Sharfid (K.I. 392375M) ta' 191, Triq ir-Repubblika, Valletta, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €618.37 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (Talba Numru 177/10VGD) hija differita għat-18 ta' Ġunju 2010 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 2 ta' Ġunju 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 21st April 2010, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) of Fra Diego Street, Marsa, filed a Claim on the 4th February 2010 whereby they asked the Tribunal to condemn Josef Sharfid (I.D. 392375M) of 191, Triq ir-Repubblika, Valletta, to pay the plaintiff company the sum of €618.37 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 177/10VGD) is put off on the 18th June 2010 at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 2nd June 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1002

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-21 ta' April 2010, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) ta' Fra Diego Street, Marsa, ippreżentaw Talba fl-4 ta' Frar 2010, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Sting 1 (Attard Portughes Victor) Limited (C21135) ta' Sting 1, Dawret Birkirkara, Birkirkara BKR04, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €962.68 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (Talba Numru 172/10VGD) hija differita għat-18 ta' Ġunju 2010 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 2 ta' Ġunju 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 21st April 2010, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) of Fra Diego Street, Marsa, filed a Claim on the 4th February 2010 whereby they asked the Tribunal to condemn Sting 1 (Attard Portughes Victor) Limited (C21135) of Sting 1, Dawret Birkirkara, Birkirkara BKR04, to pay the plaintiff company the sum of €962.68 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 172/10VGD) is put off on the 18th June 2010 at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 2nd June 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1003

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-20 ta' Mejju 2010, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) ta' Fra Diego Street, Marsa, ippreżentaw Talba fl-4 ta' Frar 2010, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Ala Karpina (BM0949193) ta' Apt 6, Block A, No. 9, Triq Pietru D'Armenia, Pembroke, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €165.65 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (Talba Numru 134/10MK) hija differita għat-18 ta' Ġunju 2010 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 2 ta' Ġunju 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 20th May 2010, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) of Fra Diego Street, Marsa, filed a Claim on the 4th February 2010 whereby they asked the Tribunal to condemn Ala Karpina (BM 0949193) of Apt. 6, Block A, No. 9, Triq Pietru D'Armenia, Pembroke, to pay the plaintiff company the sum of €165.65 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 134/10MK) is put off on the 18th June 2010 at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 2nd June 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1004

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-20 ta' Mejju 2010, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) ta' Fra Diego Street, Marsa, ippreżentaw Talba fil-5 ta' Frar 2010, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Alan Emmanuel Fenech (K.I. 141181M) ta' 12, Christine Flat 2, Triq San Ġwann, Ħamrun, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €620.06 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (Talba Numru 99/10MK) hija differita għat-18 ta' Ġunju 2010 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 2 ta' Ġunju 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 20th May 2010, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) of Fra Diego Street, Marsa filed a Claim on the 5th February 2010 whereby they asked the Tribunal to condemn Alan Emmanuel Fenech (I.D. 141181M) of 12, Christine Flat 2, Triq San Ġwann, Ħamrun, to pay the plaintiff company the sum of €620.06 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 99/10MK) is put off on the 18th June 2010 at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 2nd June 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1005

B'digriet mogħti fl-10 ta' Mejju 2010, fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet Baldwin Louis et vs Mansueto Alfred, Rikors Nru 3/10 GG, il-Bord li Jirregola l-Kera, ordna s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors, ippreżentat, fil-Bord li Jirregola l-Kera, fl-ismijiet Louis Baldwin ID 625559(M), Antoinette Baldwin ID 232861M, Grech Vincent ID 195619M u Grech Gaetana ID 221731M vs Alfred Mansueto, fil-11 ta' Jannar 2010, ir-rikorrenti Louis Baldwin et, talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

tawtorizzahom jirripendu l-pussess tal-fond 772, Triq il-Kbira, San Ġużepp, il-Ħamrun, għar-raġunijiet miġjuba fir-rikors.

Notifika: 55, Flat 2, Triq tal-Maħżnier, Luqa.

Ir-Rikors fl-ismijiet Baldwin Louis et vs Mansueto Alfred, Rikors Nru 3/10 GG jinsab differit għas-smigħ għat-28 ta' Ġunju 2010, fid-9.30 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Bord tal-Kera) illum 2 ta' Ġunju 2010.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given on the 10th May, 2010, in the records of the Application in the names Baldwin Louis et vs Mansueto Alfred, Application No. 3/10 GG, the Rent Regulation Board, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application filed in the Rent Regulation Board, in the names Louis Baldwin ID 625559(M), Antoinette Baldwin ID 232861M, Grech Vincent ID 195619M and Grech Gaetana ID 221731M, vs Alfred Mansueto, on the 11th January 2010, the applicant Louis Baldwin et, asked this Honourable Court:

to authorise them to take back possession of the premises 772, Triq il-Kbira San Ġużepp, il-Ħamrun, for the reasons brought forward in the application.

Service: 55, Flat 2, Triq tal-Maħżnier, Luqa.

The Application in the names Baldwin Louis et vs Mansueto Alfred, Application No. 3/10 GG, has been put off for hearing to the 28th June 2010, at 9.30 a.m.

Registry of the Superior Courts (Rent Regulation Board) today 2nd June 2010.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1006

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM'AWLA fl-1 ta' Ġunju 2010 fuq rikors ta' LOMBARD BANK MALTA PLC ġie ffissat il-jum tat-Tnejn 5 ta' Lulju 2010, fl-10.00 a.m. għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-1 ta' Ġunju 2010 li għandu jsir f'149, Triq id-Dejqa, Valletta tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand ARRIGO PETER.

Arloġġ

L-imsemmija oġġetti jinbiegħu bħalma ġew deskritti fl-atti tas-subbasta numru 15/2010.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-1 ta' Ġunju 2010.

DOTT. NADYA FIOTT
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on the 1st of June 2010 on the application of LOMBARD BANK MALTA PLC, Monday 5th July at 10.00 a.m. has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 1st of June 2010 to be held at 149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA of the following items seized from the property of ARRIGO PETER.

Watch

The said objects will be sold as described in the acts of the judicial sale by auction number 15/2010.

Registry of the Superior Courts, this 1st of June, 2010.

DR NADYA FIOTT
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

1007

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-27 ta' Mejju 2010, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) ta' Fra Diego Street, Marsa, ippreżentaw Talba fl-4 ta' Frar 2010, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Raymond Abela (K.I. 126583M) ta' St Mary's Court, Fl 1, Daħlet it-Tempju Megalitiku, Birkirkara, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €710.03 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (Talba Numru 278/10RFA) hija differita għat-18 ta' Ġunju 2010 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 2 ta' Ġunju 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 27th May 2010, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) of Fra Diego Street, Marsa, filed a Claim on the 4th February 2010 whereby they asked the Tribunal to condemn Raymond Abela (I.D. 126583M) of St Mary Court, Fl 1, Daħlet it-Tempju Megalitiku, Birkirkara, to pay the plaintiff company the sum of €710.03 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 278/10RFA) is put off on the 18th June 2010 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 2nd June 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1008

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-27 ta' Mejju 2010, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) ta' Fra Diego Street, Marsa, ippreżentaw Talba fl-4 ta' Frar 2010, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Massimo Bonello (K.I. 522073M) ta' St Helen Flt 2, Triq il-Ħġejjeġ, San Pawl il-Baħar, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €2,079.17 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (Talba Numru 288/10RFA) hija differita għat-18 ta' Ġunju 2010 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 2 ta' Ġunju 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 27th May 2010, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) of Fra Diego Street, Marsa filed a Claim on the 4th February 2010 whereby they asked the Tribunal to condemn Massimo Bonello (I.D. 522073M) of St Helen, Flt 2, Triq il-Ħġejjeġ, San Pawl il-Baħar, to pay the plaintiff company the sum of €2,079.17 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 288/10RFA) is put off on the 18th June 2010 at 12.30p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 2nd June 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1009

Avviż

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili
Fl-atti tas-Subbasta numru 63/2008
Fl-ismijiet:

Borg Philip et

Vs

Sammut John et

Onor. Imħallef Dr. Gino Camilleri LL.D

Il-Qorti,

Wara li rat il-liberazzjoni tal-Ħamis, 8 ta' April, 2010, bil-prezz ta' €1,050, favur Ellul Grezzju rigward il-proprjetà hawn taħt imsemmija u li kienet tappartjeni lil Sammut John et imsemmija fl-istess atti u cioè:

Nofs indiviż ta' porzjon raba', Plot numru ħamsa (5), fl-inħawi magħrufa bħala 'Ta' Sonok', Triq il-Ġarġir, Rabat, Malta, liberu u frank stmat li jiswa sittin elf Ewro (€60,000).

Billi fiż-żmien stabbilit mil-liġi PL Emanuel Bianco (K.I. 50167M) kiser il-kwindena u offra €1,085 għall-proprjetà hawn fuq imsemmija.

Tiddekreta u tagħżel għall-Bejgħ bl-Irkant Finali u l-Aħħar Liberazzjoni tal-proprjetà hawn fuq imsemmija l-jum tal-Ħamis, 15 ta' Lulju, 2010 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar fil-Kuritur ta' dawn il-Qrati.

Tordna li b'dan id-digriet jiġu notifikati l-kreditur eżekutanti, id-debitur eżekutanti, il-liberatarju u dawk li offrew l-aħħar.

Illum, 2 ta' Ġunju, 2010.

SAVIOUR AQUILINA, B.A. (HONS), M.A.
Għar-Registratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notice

In the First Hall of the Civil Court
In the records of Judicial Sale by Auction number 63/2008 in the names:

Borg Philip et

Vs

Sammut John et

Honourable Mr Justice Dr Gino Camilleri, LL.D

The Court,

Following the adjudication of Thursday, 8th April, 2010 in favour of Ellul Grezzju for the price of €1,050 for the hereunder mentioned tenement belonging to Sammut John et. mentioned in the same Judicial Acts namely:

Undivided half of a portion of a piece of land, plot numbered five (5), in the area known as 'Ta' Sonok', Ġarġir Street, Rabat, Malta, free and unencumbered, valued at sixty thousand Euros (€60,000).

Whereas PL Emanuel Bianco (I.D. 50167M) interrupted the fifteen day statutory time limit by entering a bid of €1,085 for the property mentioned above.

The Court therefore decrees and appoints Thursday, 15th July 2010 from 9.00 a.m. to twelve noon, for the final Sale by Auction and Adjudication of the afore-mentioned property, which Sale is to be held in the Corridor of these Courts.

The Court hereby orders that a copy of this decree be served on the execution creditor, the execution debtor, the purchaser and the last bidder.

Today the 2nd June, 2010.

SAVIOUR AQUILINA, B.A. (HONS), M.A.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1010

B'digriet mogħti fit-8 ta' Marzu 2010, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3291/09, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud vs Maurice Mario Gruppetta K.I. 0422751M, personalment u għan-nom u in rappreżentanza ta' Euroshops Ltd C 33889 ta' Savoy Court, Flat 11, Triq Reggie Miller, il-Gżira, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika favur l-intimat, a tenur tal-Artikolu 187(3) et tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 14 ta' Settembru 2009

Lil Maurice Mario Gruppetta, karta tal-identità numru 0422751(M) personalment u għan-nom u in rappreżentanza ta' Euroshops Ltd C 33889.

